# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 69**

**Rikors numru 622/05/1 TA**

**Ray u Isabelle konjuġi Vella**

**v.**

**Anthony D'Anastasi u b'digriet tad-19 ta' Ġunju 2008, il-kumpannija Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) tħalliet tidħol fil-kawża "in statu et terminis"**

## PRELIMINARI:

1. Dan il-każ jirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fl-4 ta' Lulju 2004 f'Baħar iċ-Ċagħaq bejn il-vettura **EAG061** misjuqa mill-attriċi Isabelle Vella u l-mutur **TNT120** misjuq mill-konvenut Anthony

D'Anastasi.

2. L-attriċi sfat midruba fl-imsemmi inċident u għalhekk fit-28 ta' Ġunju 2005 hi u żewġha ppreżentaw rikors ġuramentat fejn talbu li:

(i) il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident;

(ii) jiġu likwidati d-danni sofferti minnha okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(iii) l-konvenut jiġi kkundannat iħallas tali danni hekk likwidati.

3. Il-konvenut ukoll safa midrub fl-inċident u għalhekk fit-8 ta' Frar 2004 barra li ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu sabiex jgħid li t-talbiet attriċi huma infondati u li d-danni allegati huma esaġerati, ippreżenta wkoll kontrotalba fejn talab li:

(i) l-attriċi rikonvenzjonata tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident u għad-danni sofferti minnu;

(ii) jiġu likwidati d-danni sofferti minnu, jekk hemm bżonn bin-nomina ta' periti;

(iii) l-atturi rikonvenzjonati jiġu kkundannati jħallsuh id-danni hekk likwidati.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonkudiet li għall-inċident in kwistjoni kienu responsabbli kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut b'dan li l-attriċi għandha tbati żewġ terzi (⅔) mit-tort u l-konvenut kellu jbati terz (⅓). Ikkalkulat id-danni dovuti lill-atturi, kif ukoll id-danni dovuti lill-konvenut (li huma akbar), u wara li qieset li għandu jkun hemm tpaċija:

- ordnat lill-konvenut iħallas lill-attur Ray Vella **€465.88** bl-imgħaxijiet legali "*mill-preżenti sal-pagament effettiv*"; u

- ordnat lill-attriċi rikonvenzjonata tħallas lill-konvenut **€9,231.94** bl-imgħaxijiet legali "*mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv*";

bl-ispejjeż jitħallsu terz (⅓) mill-konvenut Anthony D'Anastasi u żewġ terzi (⅔) mill-attriċi Isabelle Vella.

5. **L-atturi** ħassewhom aggravati b'tali sentenza u għalhekk fl-4 ta' April 2018 interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassarha u:

> "*…konsegwentement tilqa' t-talbiet tal-appellanti billi tiddikjara li għall-inċident de quo kien responsabbli unikament il-konvenut Anthony*

> *D'Anastasi u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah iħallas id-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' …(**€1397.62**) favur Raymond Vella u l-ammont ta' ….(**€63,159**) favur Isabelle Vella, jew somom verjuri, u konsegwentement tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut in toto. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

6. **Il-konvenut** da parti tiegħu aċċetta s-sentenza u ma ressaq l-ebda appell jew appell inċidentali minnha minkejja li instab li kellu terz (⅓) mit-tort għall-inċident.

7. Għal intendiment aħjar għall-appell tal-atturi din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti: Rat ic-Citazzjoni tal-Atturiipprezentata fit-28 ta' Gunju 2005 u mahlufa fl-istess data minn Isabelle Vella li permezz taghha talbu s-segwenti:-
>
> *Billi l-istanti Isabelle Vella kienet qed issuq il-vettura EAG 061 Bahar ic-Caghaq fl-4 ta' Lulju 2004 u sehh incident stradali meta l-konvenut Anthony D'Anastasi li kien qed isuq il-mutur TNT 120 ghamel sorpass tal-vettura tal-attrici b'mod perikoluz u bi speed esagerat baqa diehel fuq il-genb tal-vettura tal-attrici li kienet lahqet dahlet go trid laterali ta' Triq il-Kosta.*
>
> *Billi l-incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti da parti tal-konvenut li ghamel manuvra perikoluza ta' sorpass.*
>
> *Billi rizultat ta' dana l-incident Isabelle Vella sfat imwegga gravament u ser tibqa' permanentement disabilitata oltre li l-konjugi Ray u Isabelle Vella sofrew danni ohrajn.*
>
> *Billi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu ikkagunati kif imfisser.*
>
> *Billi l-istanti b'ebda mod ma kienet responsabbli ghall-incident.*
>
> *Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*
>
> *1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofrew il-konjugi Ray u Isabelle Vella.*

*2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundannah ihallas lill-istanti dawk l-ammont kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tallum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-Konvenut prezentata fit-8 ta' Frar 2006 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident bejn il-vettura bin-numru EAG 061 u l-mutur bin-numru TNT 120 li sehh fl-4 ta' Lulju 2004 f'Bahar ic-Caghaq ma sehhx b'tort ta' Anthony D'Anastasi izda sehh unikament b'tort ta' Isabelle Vella, s-sewwieqa tal-vettura EAG 061 u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Isabelle Vella, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba annessa.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni citati u allegati mill-atturi huma eccessivi u ezagerati. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat li l-Konvenut ipprevalixxa ruhu mit-talbiet Attrici u pprezenta kontro-talba fit-8 ta' Frar 2006 li permezz taghha ppremetta u talab:-

*Peress illi fl-4 ta' Lulju 2004 f'Bahar ic-Caghaq, sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura bin-numru EAG 061 misjuqa mir-rikonvenzjonata Isabelle Vella u l-mutur bin-numru TNT 120 misjuqa minn u proprjeta` tar-rikonvenzjonant Anthony D'Anastasi.*

*Peress illi r-rikonvenzjonata Isabelle Vella sewwieqa tal-vettura EAG 061 kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, kif ser jigi ippruvat waqt i-trattazzjoni tal-kawza.*

*Peress illi rizultat ta' dan l-incident ir-rikonvenzjonant Anthony D'Anastasi safa mwegga' gravament u sofra dizabilita` permanenti (Dok. A), kif ukoll il-mutur tieghu tant gie iddanneggjat illi gie iddikjarat bhala 'total loss' (Dok. B).*

*Peress illi l-atturi r-rikonvenzjonati konjugi Isabelle u Ray Vella ma ghamlux tajjeb ghad-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant Anthony D'Anastasi.*

*Jghidu l-istess atturi rikonvenzjonati ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-*

*1. Tiddikjara lir-rikonvenzjonata Isabelle Vella responsabbli ghall-incident ta' l-4 ta' Lulju 2004 f'Bahar ic-Caghaq u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess incident sofra l-konvenut rikonvenzjonant.*

*2. Tillikwida d-danni okkorrendo, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lil rikonvenzjonant Anthony D'Anastasi dawk l-ammonti hekk likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni. Bl-ispejjez inkluzi dak ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni ta' l-atturi rikonvenzjonati u bl-imghax skond il-ligi kontra l-atturi rikonvenzjonati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-Atturi ghall-azzjoni rikonvenzjonali tal-Konvenut datata 15 ta' Frar 2006, li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

*1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant Anthony D'Anastasi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontrih stante li ghall-incident de quo kien jahti unikament l-istess Anthony D'Anastasi.*

*2. Illi Isabelle Vella kienet qed issuq il-vettura EAG 061 Bahar ic-Caghaq fl-4 ta' Lulju 2004 u sehh incident stradali meta Anthony D'Anastasi li kien qed isuq il-mutur TNT 120 ghamel sorpass tal-vettura tal-attrici b'mod perikoluz u bi speed esagerat u baqa' diehel fuq il-genb tal-vettura tal-attrici li kienet lahqet dahlet go triq laterali Triq il-Kosta.*

*3. Illi isegwi li m'hemm l-ebda tort jew responsabilita` li ghandha tigi attribwita lill-esponenti, li m'hemm ebda danni li jridu jigu likwidati fil-konfront taghhom u li m'hemm l-ebda kundanna ta' hlas li ghandha issir fil-konfront taghhom in linea ta' danni.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 fejn il-kawza thalliet

ghallum ghas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

1. Dawn il-proceduri huma rizultat ta' habta bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAG 061 misjuqa mill-Attrici Isabelle Vella u l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni TNT120 misjuq mill-Konvenut Anthony D'Anastasi. Il-habta sehhet fl-4 ta' Lulju 2004 fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq ghall-habta tal-10.30 ta' filghodu (ara nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetá intervenuta fil-kawza Atlas Insurance a` fol 263).

2. Fix-xhieda taghhom, iz-zewg sewwieqa jaqblu li l-habta sehhet waqt li l-Attrici, wara li ghamlet xi ftit tal-hin wieqfa bl-indicator mixghul, kienet qed iddur fuq il-lemin biex tidhol go triq laterali (ara xhieda tal-Attrici a` fol 109- 110 u xhieda tal-Konvenut a` fol 218).

3. Permezz ta' din il-Kawza l-Attrici qed titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti, li l-Konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident u d-danni subiti b'rizultat li l-incident mertu tal-Kawza gie kkawzat minhabba manuvra ta' sorpass "perikoluz u bi speed esagerat" tal-Konvenut "li baqa' diehel fuq il-tal-vettura tal-attrici li kienet lahqet dahlet go triq laterali ta' Triq il-Kosta" (ara citazzjoni a` fol 1 u noti ta' sottomissjonijiet tal-Atturi u ta' Atlas Insurance li ntervjeniet fil-kawza in statu et terminis a` fol 238-241 u 264- 269).

4. Minn naha l-ohra l-Konvenut qieghed jichad li kien responsabbli u permezz tal-kontro-talba, qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-Attrici responsabbli ghall-incident u ghad-danni rizultanti mill-istess. Fi kliemu, dan gie kkawzat minhabba negligenza u nuqqas tal-Attrici li zzomm 'a proper look-out' meta ddecidiet li tikser fuq il-lemin ghal got-triq laterali (ara nota ta' osservazzjonijiet a` fol 248-255).

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

5. Il-ligijiet applikabbli ghal dan il-kaz huma tnejn. L-artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili li ghid "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" u kif ukoll numru ta' regolamenti tal-Kodici ghat-Traffiku Tat-Triq.

**Il-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq** jipprovdi regolamenti li, inter alia, jirregolaw iz-zewg manuvri maghmula mill-partijiet f'din il-kawza.

Il-manuvra ta' ksur lejn il-lemin hija regolata fil-paragrafu **206** u jipprovdi s-segwenti:-

> *"Kmieni qabel iddur f'ghaqda ta' zewg toroq ara sewwa l-pozizzjoni u l-moviment tat-traffiku li jkun gej warajk. Uri b'sinjal il-hsieb tieghek u, meta ma jkunx perikoluz li taghmel hekk, hu l-pozizzjoni xierqa. Stenna sakemm ikun hemm spazju xieraq bejnek u xi vetturi li jkunu gejjin, qabel ma ddur dawra shiha lejn il-lemin."*

Il-paragrafu **199** jipprovdi ulterjorment is-segwenti:-

> *"Qabel tkun se tibdel id-direzzjoni, dejjem ghandek taghmel sinjal 'il fejn tkun trid iddawwar u ghandek tkun zgur li ma hemm l-ebda periklu billi thares fil-mera tieghek. Kun zgur illi l-indicator li juri 'l fejn tkun se ddur jaghti s-sinjal mixtieq u li titfih minnufih wara li ddur."*

Fil-waqt li r-regoli li jirregolaw manuvra ta' surpass huma dawk indikati fil-paragrafi 197 sa 184. Il-paragrafu 181 jistabbilixxi principju generali li huwa dan:-

**181.** "*Qatt taqla' vettura ohra qabel ma tkun cert li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor. Oqghod attent specjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm ic-cpar, ghax huwa difficli hafna li tikkalkula l-velocità jew id-distanza ".*

Bhala regola ghandu wkoll jigi segwit dak indikat fil-paragrafu 182:

> *"Aqla' minn naha tal-lemin"*

**182**. Din ir-regola mhux necessarjament tapplika fic-cirkustanzi li gejjin:-

- Meta min ikun isuq vettura quddiemek ikun ghamel sinjal li se jdur fuq il-lemin u tkun tista' taqilghu bla periklu mix-xellug minghajr ma tkun ta' inkonvenjenza ghat-traffiku l-iehor, jew meta tkun se tidhol go xi trejqa fuq ix-xellug.

  Tidholx f'daqqa quddiem il-vettura li tkun ghadek kemm qlajt.

- Meta l-vetturi fil-moghdija tan-naha tal-lemin ikunu miexja aktar bil-mod minnek fi triq traffikuza."

Fl-ahharnett, ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz in dizamina, insibu wkoll il-paragrafu **184** li jipprovdi s-segwenti:-

> *"Taqlax vetturi ohra meta tkun qed tavvicina:*
>
> - *post ta' qsim ghall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
> - *triq li taghqad m'ohra;*
> - *kantuniera jew liwja iebsa;*
> - *il-quccata ta' gholja*
> - *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerga' joghla f'daqqa."*
>
> *…omissis…*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

6. L-Attrici tikkontendi li l-incident sehh fuq in-naha hazina tat-triq meta l-Konvenut qabez il-*continuous white line* biex jaqbez il-karozzi. Dan

ma giex b'xi mod pruvat, anzi gie kategorikament michud mill-Konvenut (ara fol 229). Il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatt inkontestat li Triq il-Kosta hija triq wiesgha u l-vettura tal-Attrici waqfet fin-nofs biex tikser fuq il-lemin (ara xhieda ta' Joseph Azzopardi, xhud prodott mill-Attrici fejn isostni dan ripetutament a` fol 101, 102, 104, 105, 107, kif ukoll xhieda tal-Konvenut a` fol 218 b'referenza ghar-ritratt Dok R1 a` fol 6), il-Konvenut, li kien qed isuq mutur, ma kellux ghalfejn jaqbez il-*continuous white line* u jispicca fuq in-naha hazina tat-triq biex jissorpassa lill-Attrici. Maghdud ma dan, l-istess Joseph Azzopardi li ra l-habta ssehh, meta mistoqsi mill-Qorti a` fol 107 jekk rax il-mutur jaqbez il-linja tan-nofs huwa wiegeb "*Le ma nistax nidhol fiha".*

7. Il-Konvenut fix-xhieda tieghu a` fol 218 spjega n-naha ta' fejn kien qed isuq qabel il-habta b'dan il-mod: *"Hi kienet fuq in-naha ta' gewwa. Ahna konnha fuq in-naha tal-lane imma mhux fuq gewwa*."

8. Ghalhekk il-Qorti tifhem, li l-Konvenut kien qieghed isuq il-mutur fuq il-lemin ma' genb fejn kienu qeghdin jinstaqu l-karozzi ghaliex il-karregjata ta' Triq il-Kosta kienet wiesa' bizzejjed biex tippermettilu jsuq b'dan il-mod. **Il-Qorti tal-Appell, fis-Sentenza fl-ismijiet Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar, tas-16 ta' Dicembru 2004** kkunsidrat dan it-tip ta' sewqan kif gej:-

> *"Meta si tratta ta' karreggjata wahda fl-istess direzzjoni, bhalma kien il-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix motorcycle u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, izda kien hemm semplicement manuvra min-naha ta' l-attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) "to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela' tax-Xemxija billi joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li kien tiela f'karreggjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn. Huwa ghalhekk li l-attur jghid – ara d-deposizzjoni aktar 'l fuq riportat – li huwa kien qed isuq fil-"lane" tieghu però fuq in-naha ta' barra ta' dak il-"lane"… Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' motorcycles, sfortunatement prevalenti hafna izda li però hija wkoll perikoluza hafna. Sewwieqa ta' motorcycles ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma anqas vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li jkun ghaddej minn karreggjata singola ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karreggjata."*

9. Il-Qorti tal-Appell f'din il-kawza qablet ma dak konkluz mill-Ewwel Qorti li s-sewwieq tal-mutur ghandu jassumi r-responsabbiltá tal-incident ghaliex, bil-fatt li kien qed isuq il-mutur parallel ghall-flow tat-traffiku ta' vetturi, huwa ghamilha impossibli sabiex il-parti l-ohra, li kienet hierga minn side street, setghet tarah allavolja kienet hadet il-prekawzjonijiet kollha possibli qabel harget.

10. Fil-kaz in ezami il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk, bil-fatt li l-Konvenut kien qed isuq *in parallel* mal-flow tal-karozzi, ghamilhiex impossibli sabiex l-Attrici setghet tarah, jekk din tkun hadet il-prekawzjonijiet kollha.

11. Jirrizulta li qabel ma ddecidiet tikser ghal-lemin, l-Attrici kienet wieqfa f'pozizzjoni kemmxejn angolata ("slanting" ) (ara xhieda tal-Konvenut a` fol 218 u 221 u xhieda ta' Joseph Magro a` fol 195). F'dik il-pozizzjoni l-Attrici tghid fix-xhieda taghha a` fol 116 li harset mill-mirja tal-genb u tan-nofs izda l-mutur ma ratux:-

> *"**Dr. Simon Cachia**: Inti fix-xhieda tieghek uzajt dan id-diskors meta qed tghid li ridt tohrog. Ghid tajt titwila. Tista' tiddiskrivilna kif ghamiltha din it-titwila qabel ma ddecidejt tohrog?*
>
> ***Xhud**: Mill-mirja z-zewg nahat u tan-nofs.*
>
> ***Dr. Simon Cachia**: Il-mutur rajtu?*
>
> ***Xhud**: Le karozzi rajt warajja.*
>
> ***Dr. Simon Cachia**: Jekk nissuggerilek li inti harist fil-mirja u ma rajtux qed naqblu.*
>
> ***Xhud:** Ezatt."*

12. Meta jitqies li Triq il-Kosta hija triq dritta u lixxa b'vizwali fit-tul u l-hin tal-gurnata kien madwar l-ghaxra u nofs ta' filghodu f'gurnata sajfija, l-Qorti ssibha difficli temmen li l-Attrici ma ratx lill-Konvenut. F'dik il-pozizzjoni kemmxejn angulata, il-Konvenut kien ikun vizibbli ghall-Attrici anke minn semplici harsa mit-tieqa tan-naha taghha.

13. Fil-verzjoni moghtija mill-Attrici fir-Road Accident Report (a` fol 88) u fix-xhieda taghha (a` fol 110) l-Attrici tghid li l-habta sehhet meta hi kienet kwazi dahlet fit-triq laterali:-

> "**Xhud**: *Kwazi. Ghax il-karozza, il-quddiem ta' l-iSkoda tawwali".*

Però , l-Attrici tghid ukoll li, l-impatt sehh hekk kif qalghet ghal fuq il-lemin u li ma l-istess impatt wicc il-Konvenut gie ma' wiccha:-

> *"Ehe. Ergajt tajt titwila u dhalt ghalija. <u>Kif ghalija dhalt f'daqqa wahda hoss kbir ta' mutur u wicc ta' ragel ma' wicci."</u>* (a` fol 109. Emfazi tal-Qorti).

14. Indikazzjonijiet fattwali jemergu oggettivament mir-*res gestae* li jiccirkondaw l-incident, partikularment il-hsarat tal-vettura misjuqa mill-Attrici. Dawn kienu fuq in-naha ta' quddiem tal-bieba tax-xufier, fuq il-front fender qrib l-istess bieba, u fuq in-naha t'isfel tal-*front right tyre* u l-*alloy wheel* taghha (ara ritratti Doks R2, R3, R5, R6 u R11 a` fol 6). Dawn ix-xorta ta' hsarat huma illustrattivi hafna ta' kif sehhet id-

dinamika tal-incident.

15. Fil-fehma tal-Qorti, dawn juru li l-iskontru sehh skont l-ewwel verzjoni moghtija mill-Attrici (a` fol 109) u cioe` hekk kif l-Attrici kisret fuq il-lemin. Din il-verzjoni tal-Attrici taqbel ma dak li konsistentement gie deskritt mill-Konvenut fil-verzjoni moghtija minnu fl-istess rapport (a` fol 88) u fid-deposizzjoni tieghu li timmerita citazzjoni estensiva:-

> *"**Xhud**:…Kif qed indur dik il-kisra hemmhekk fejn hemm tal-gelat, ikun hemm karozza, naraha wieqfa, propja rajtha waqfet naqra bl-indikatur, rajtu l-indikatur jien, kollox rajt jien. U jien ghidt: 'X'se taghmel din il-karozza?' Kif mort biex nghaddi, hargitli f'daqqa u wehilt ma' quddiem taghha. Hekk niftakar jien….Ghax jiena mhux ghidt li se nghaddi, saqsejt x'se taghmel din. Wieqfa, se ddur? U kif kont se nghaddi, daret u wehilt maghha…*
>
> ***Qorti**: Ix-xhud qed jara r-ritratt immarkat bhala R1 (a' fol 6)…*
>
> ***Xhud**: U ma kenitx hafna l-gewwa lanqas. Kienet naqra hekk u kienet naqra slanting ukoll.*
>
> ***Qorti:** U qed jindika fejn hemm ic-cirku mmarkat bl-ahmar bhala l-post fen kien qal li ra l-vettura li kient involuta fil-habta mieghu.*
>
> ***Dr. Simon Schembri**: U l-incident, f'liema parti tat-triq sehh?*
>
> ***Xhud:** Fuq in-naha tas-side tieghi. Fuq din in-naha hawnhekk. Fejn hemm ic-cirku. Ghax jien kif hargitli, mhux qisni nfligt bil-mutur, ghidt: 'X'se taghmel din?' Bqajt imsammar mieghu." (a` fol 218 u 219 ).*
>
> Li l-habta sehhet malli l-Attrici kisret fuq il-lemin huwa anke korraborat minn Joseph Azzopardi, xhud prodott mill-Attrici stess:-
>
> ***Dr. Yana Micallef Stafrace**: Meta mar fuq il-lemin f'liema naha tat-triq kien? Xhud: Probabli hi kienet fin-nofs jigifieri fuq is-sign.*
>
> ***Qorti**: X'rajt inti ghdilina mhux x'inhu probabbli.*
>
> ***Xhud:** Kif qalghet rajt il-habta jien, kif appena mxiet ftit.*
>
> ***Qorti**: Rajtu l-mutur jaqbez il-linja tan-nofs jew ma rajthux?*
>
> ***Xhud**: Le ma nistax nidhol fiha.*
>
> ***Dr Yana Micallef Stafrace**: Imma taf Ii qabizha from her right biex niftehmu.*
>
> ***Xhud:** From her right meta kienet se taqla' ghal Bahar ic-Caghaq" (ara fol 107, ara wkoll l-istess xhieda a` fol 101)."*

16. Fid-dawl ta' dawn il-fatti jigi rilevat li diversi drabi gie ritenut minn dawn il-Qrati li *"hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq*

*jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out*". (**John Soler et vs Claire Gove et, Qorti Civili Prim' Awla, 14 ta' Ottubru 2003).**

17. Tabilhaqq fis-sentenza **Il-Pulizija v Vella,** moghtija fl-10 ta' Awwissu 1963 u l-**Pulizija v Laferla** moghtija fis-17 ta' Gunju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, insibu enuncjat principju fundamentali ghal dak li jirrigwarda zona ta' *proper lookout*. Infatti, gie ritenut li "*In-nuqqas ta' sewwieq li jara dak li huwa in plain view, ossia dak li hu regonevolment vizibbli, huwa auto kolpanti billi jimplika li ma jkunx qed izomm a proper lookout."*

18. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghal kaz in dizamina, johrog li l-fatt, li l-Attrici ma ratx lill-Konvenut gej bil-mutur minn triq b'konfigurazzjoni lixxa u b'vizwali cara kif diga' inghad. Dan ifisser li ma harsitx jew ma harsitx kif kellha thares qabel kisret fuq il-lemin. Kellha l-obbligu tara dak li kien 'in plain view'. Isegwi ghalhekk li l-Attrici ma kienetx qed izzomm '*proper look out*', specjalment meta ftit tal-hin qabel kien ghadda minn hdejha mutur misjuq minn missier il-Konvenut (ara xhieda ta' Anthony D'Anastasi a` fol 220, Joseph Magro a` fol 195 u Carmel Vella a` fol 207).

19. Lanqas ma jista' jinghad, li bil-fatt li l-Attrici xeghlet l-'indicator' tal-lemin hija giet moghnija b'xi dritt li tikser fuq il-lemin minghajr ma tghati 'a proper look-out'. Maghdud ma' dak gia citat supra rigward din il-kwistjoni, **il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ramona Fabri tat-22 ta' Novembru 2016** irriteniet dan li gej:-

> *"Bħalma ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Ivan Vella** fit-3 ta' Ottubru 2001, il-fatt li sewwieq jixgħel l-indicator ma jagħtihx xi dritt assolut li jagħmel dak li qed jindika li bi ħsiebu jagħmel peress li dan is-sinjal jindika biss l-intenzjoni tas-sewwieq, cioe` dik li juri fi żmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jagħmel."*

Dik il-Qorti kompliet tghid hekk f'dik is-Sentenza:-

> *"Il-fatt li sewwieq jixghel l-indicator tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigix kawzat xi incident. L-obbligu tal- 'proper lookout', tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq, irrispettivament jekk jixghelx l-indicator jew le. L-indicator*

*ismu mieghu, juri jew jindika biss dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq, u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru.*

*Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra konsistenti f'right hand turn hu ghandu jixghel l-indicator f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-right turn, jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha u angolu, sabiex jara li ghandu 'a clear way' qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' 'a right hand turn'. Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat wkoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li gja` beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-'right hand turn'."*

20. Anke l**-Qorti tal-Magistrati fis-Sentenza fl-ismijiet Hugh Zammit pro et noe vs Charlotte Busuttil tas-16 ta' Lulju 2001** kellha hekk xi tghid:-

*"Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-uzu tal-indicator hu biss wiehed mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu meta jigi biex ibiddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu.*

*F'sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru,1995 il-Prim Awla Civili fil-kawza "Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono" qalet li meta sewwieq ikun ser jikser ghal go "side street" mhux bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara ukoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li mhemm hadd li jkun qed jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser (ara wkoll "**Anthony Busuttil vs Victor Grima" Prim Awla 24 ta' April 1996)".***

21. L-istess qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-Sentenza fl-ismijiet **H Farrugia vs R Ripard tal-15 ta' Frar 1974:** "*meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dana jrid jara li ma jkunx hemm traffiku mhux biss meta jibda jaqsam, imma anke sakemm jaqsam ghal kollox".*

22. Izda jrid jinghad ukoll li l-Attrici argumentat ukoll li l-Konvenut kien qed isuq b'velocita` eccessiva. Fuq dan il-punt jinghad li "*Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-driver li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan."* **(Vol. 29 p. 557**).

*"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti li speed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti talkollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche' li speed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah "sfrenat".* ***(S. Mizzi vs J. Grech 23/3/72 u A. Bartolo vs K. Micallef 16.2.73).***

*"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user u sija jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali*

*kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih.* ***Irid jigi stabilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiv kienet element determinant li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut" (ara Sentenza A. Stanley vs A. Zahra PA JSP 23.3.93)." ( ara ukoll Hugh P. Zammit pro et noe vs Angelo Abela, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 2001*** *u kif wkoll* ***Stefan Xuereb vs Maria Concetta Debono et, Qorti tal-Appell, 30 ta' Marzu 2001*** *fejn inghad li "hi pacifika l-gurisprudenza li f'kazi kongruwi l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita` ma kellux ikun fattur li jaddebita kontributorjeta` ghas-sinistru fuq driver illi kien altrimenti qieghed in pjena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku").*

23. Il-fatt li l-mutur misjuq mill-Konvenut lanqas halla break marks izda merament marka taz-zejt (ara xhieda Surgent PS977 Joseph Zammit a` fol 94) juri li, anke jekk seta kien qed jeccedi l-massimu regolamentari permess f'dik it-triq kif indikat fir-ritratt Dok R12 a` fol 6, l-velocitá li kien ghaddej biha l-Konvenut ma setghetx kienet wahda sfrenata.

24. Din il-Qorti lanqas ma tista' tikkonkludi li l-Konvenut kien ghaddej b'velocita` mill-fatt li l-vettura tal-Attrici sfat beyond economical repair kif jidher li pruvat tikkontendi l-Attrici. Min dak indikat fil-kummenti tas-surveyor Joseph Muscat fis-survey report a` fol 153, il-vettura giet hekk dikjarata minnu, mhux ghax il-hsarat subiti fl-istess kienu estensivi izda ghaliex ladarba l-vettura giet stmata li kellha guide book value ta' LM700 ma kienx jaqbel li ssir nefqa fl-ammont indikat fl-istess survey report ghat-tiswija tal-vettura: "*Considering the total cost of parts and labour to repair this vehicle compared to the vehicle's market value, it is my opinion that this vehicle is beyond economical repairs.*" Kieku l-karozza kienet ghadha gdida jew ghadha ma ghamlitx iz-zmien taghha fit-triq u garrbet hsarat tali, li ma jkunx jaqbel li tissewwa, hemm iva, tista' tkun cirkostanza li tindika, li dawn il-hsarat gew ikkawzati minhabba b'konsegwenza ta' velocita` ta' sewqan tal-parti l-ohra.

25. Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk, li fil-kaz de quo l-kawza prossima ghall-akkadut ma kienx l-ispeed tal-Konvenut izda kienet il-manuvra li ghamlet l-Attrici biex kisret fuq il-lemin u 'qasmet ir-rotta' tal-Konvenut minghajr "*a proper look out*" fis-sens spjegat iktar 'l fuq. Dina kienet il-kawza determinanti ghall-incident. In-nuqqas ta' harsien tar-regolamenti fuq imsemmija tal-Kodici tat-Triq, mhux biss huwa infrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fihom innfushom, izda tali agir jinfilza ruhu f'dak li jistabilixxi l-artiklu 1032(1) tal-Kodici Civili sa fejn jirrigwarda x-xorta ta' responsabbilita' mehtiega f'cirkostanzi simili. F'dan is-sens il-Qrati taghna jghallmu li:-

*"Huwa principju ben affermat f'materja ta' kollizjonijiet illi r-regola fundamentali li ghandha tiggwida dejjem lill-utenti ta' vejikoli hi dik*

*maghrufa bhala "reasonable and careful look-out", ossija "proper look-out". Din ir-regola tirrientra b'mod generali, f'materja ta' danni akwiljani, f'dak precizat mil-ligi fir-rigward tal-grad tal-kolpa tar-responsabilita` ghad-danni. Hekk l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili jirritjieni li hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias*" (ara **Sentenza Prim Awla Qorti Civili u per Imhallef Philip Sciberras tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Edward Tabone pro et -vs- Etienne Borg**).

26. Izda minn naha l-ohra, in-nuqqasijiet tal-Attrici fil-manuvra minnha maghmul ta' "*right hand turn*" ma jezonerawx awtomatikament lil min ikun gej minn warajha mir-responsabiltajiet tieghu. Dan il-Qorti qed tghidu ghaliex tqis li, ghalkemm il-Konvenut seta' kellu precedenza (ara **Sandra Bartolo vs Joseph Farrugia** citata supra), huwa messu wkoll accerta ruhu mill-intenzjoni tal-Attrici qabel ma ttenta jissorpassaha.

27. Ladarba l-Konvenut induna li l-Attrici kellha l-intenzjoni tikser ghal fuq il-lemin izda fl-istess hin ma kienx konvint mill-waqt li fih kienet ser iddur (ara xhieda tieghu a` fol 218 sa 210, 221, 223), dan il-fattur ta' incertezza kellu jwasslu biex jifhem, li jew jiddesisti mis-sorpass li kellu f'mohhu jew isuq mix-xellug, fid-dawl ta' dak li jirrikjedu r-regolamenti tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq fuq citati. Il-fatt li l-Konvenut iddecieda li xorta jiehu c-cans u jibqa' ghaddej, juri nuqqas ta' osservanza min-naha tieghu wkoll ta' dik id-diligenza mehtiega ghal sewqan prudenti skont l-imsemmija regolamenti 181, 182 u 184 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq. F'dan is-sens ghalhekk il-Konvenut ikkontribwixxa ukoll ghall-incident fil-grad li ser jissemma' hawn taht.

28. Ghalhekk, sabiex din il-Qorti, tistabilixxi kemm it-tort u kif ukoll tkun tista' tasal ghall-quantum tad-danni involuti, ikollha ta' bil-fors tapporzjona r-responsabbilita` tal-kontendenti ghall-incident.

29. F'dan ir-rigward diversi sentenzi tal-Qrati taghna, konformement ma' dak li jrid l-artiklu 1051 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta, gibdu l-linja li jiddikjaraw porzjon akbar ta' htija lil dak is-sewwieq li l-manuvra tieghu kienet il-kawza determinanti tal-incident billi jattribwulu sehem ta' zewg terzi mit-tort filwaqt li jallokaw il-kumplament ta' terz mis-sehem lis-sewwieq l-iehor li b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident (ara fost ohrajn **Gasan Insurance Agency Limited vs Jacqueline Galea, Qorti Civili Prim' Awla, 21 ta' Gunju 2002, Sandra Bartolo vs Joseph Farrugia citata supra, Alexander Zammit vs David Debono, Qorti Civili Prim' Awla, 3 ta' Lulju 1995**).

30. F'dan l-istadju jakkwista valur dak li qal Lord Denning fil-kawza **Broom et vs Butcher (1975):** "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought***

***reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself**."* (enfazi mizjuda).

31. Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn is-Sentenzi u taghlim gurisprudenzjali, din il-Qorti thoss, li sa fejn titqies l-apporzjonament ta' responsabbilita`, ghandha tapplika dan il-kriterju , ghall-fattispecie tal-kaz ta' din il-Kawza. Dan ifisser li l-Attrici ghandha tbati zewg terzi (2 /3) mit-tort ladarba l-manuvra tal-Attrici (li daret fuq il-lemin minghajr ma rat dak li kien ragjonevolment vizibbli) kienet l-element principali li kkontribwixxa ghall-habta, filwaqt li l-Konvenut ibati terz mit-tort, ladarba baqa' ghaddej isuq qabel ma accerta ruhu x'kienet l-intenzjoni tal-Attrici u gie ghalhekk li kkontribwixxa ghal terz (1 /3) mit-tort.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

32. Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili li taqsam id-danni f'zewg aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegh futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodici Civili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."* (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Civili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**)

Telf attwali subit mill-Atturi

33. Skont il-prospett ta' danni prezentat minnha (ara fol 25), l-Attrici tikkontendi telf attwali f'valur ta' LM192.15 li jikkonsistu fis-segwenti:-

- LM25 towing (ara wkoll ricevuta a` fol 18)
- LM36 Psychological assessment fuq it-tifel taghha Gary (ara fol 19)
- LM40 rapport redatt mit-tabib ortopediku Mr. C. J. Sciberras (ara avviz a` fol 22) u LM85 skont nota ffirmata mill-istess tabib a` fol 23.
- LM6.13 medicinali mill-ispizerija Evans Pharmacy (ara rcevuta a` fol 23)

34. Il-Qorti tqis li m'ghandhiex tinkludi fil-kalkolu taghha l-ammont ta' LM85 indikati fin-nota ffirmata mit-tabib ortopediku billi ma hemm xejn x'jindika li tali hlas jorigina minn xi spiza marbuta mad-danni subiti mill-incident in kwistjoni. Il-hlas dovut mir-rapport redatt mill-istess tabib (a` fol 12) jammonta ghal LM40 skont l-avviz a` fol 22. Ghaldaqstant

hija l-konvinzjoni tal-Qorti li l-LM85 imsemmija fin-nota a` fol 23 m'ghandhom l-ebda konnessjoni mal-incident de quo.

35. Ghalhekk it-telf attwali subit mill-Attrici jammonta ghal LM107.13 ekwivalenti ghal **€249.55**

36. Hemm ukoll il-valur tal-karozza li giet dikjarata '*beyond economical repair'* (ara survey report a' fol 17). Skont dan is-survey report il-book value tal-vettura huwa dak ta' Lm700 antiki li minnu jrid jitnaqqas il-valur tal-karkassa ta' Lm100. Dan ifisser li l-valur totali tal-vettura huwa dak ta' sitt mitt liri antiki (Lm600) ekwivalenti ghal elf tlett mija sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu **(€1,397.62).**

37. Ghalhekk ifisser li d-danni attwali sa fejn jirrigwarda lill-Attrici jammontaw ghal mitejn disgha u erbghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (**€249.55**) mentri dak li jirrigwarda lill-Attur Ray Vella huwa dak ta' elf tlett mija sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (**€1,397.62).**

Telf attwali subit mill-Konvenut

38. Il-Konvenut prezenta wkoll prospett ta' danni (a` fol 38) permezz ta' liema qed jikkontendi telf attwali f'valur ta' LM6,323.49 li jikkonsistu fis-segwenti:-

- LM 18 rapport medikali mahrug mill-Isptar St. James (ara ricevuta a` fol 40)
- LM6,000 valur tal-mutur (ara Dok E a` fol 41)
- LM19.75 f'medicinali (ara tlett ircevuti a` fol 43 ta' LM7, LM6.07 u LM6.68 kull wiehed)
- LM285.74 f'unpaid sick leave u half-pay sick leave (ara Dok G a` fol 44 u 45)

39. Rigward il-valur tal-mutur il-Qorti tinnota li l-Konvenut naqas milli jipprova konkluzivament li l-mutur safa 'beyond economical repair' konsegwenza tal-incident. Fis-survey report fuq il-mutur (a` fol 37) hemm dikjarat li "Motorcycle was parked in a garage close to P/B. There where several m/c parked and I couldn't conduct survey. It seems to be a total loss P/B to dismantle and call me for a proper survey." (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-'proper survey' ghal xi raguni qatt ma gie prezentat filwaqt li r-ritratti tal-mutur prezentati mill-Konvenut a` fol 72 u 73 ma humiex cari inkwantu ma jindikaw xejn il-grad tal-hsara subita fuq il-mutur. In mankanza ta' provi kif trid il-ligi, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-mutur gie fil-fatt zarmat u dikjarat *'beyond economical repair'.*

40. B'dana ma jfissirx li l-Qorti ma ghandhiex tillikwida somma li tirrifletti d-danni li sofra l-Konvenut, inkwantu jirrigwarda l-hsara fil-mutur. Il-Qorti xorta hija konvinta li hsarat tassew kien hemm.

Ghalhekk, galadarba ma giex ippruvat li l-mutur safa tassew '*beyond economical repair*' izda fl-istess hin jirrisulta li hsarat tassew kien hemm, il-Qorti ser tillikwida t-telf attwali arbitrio boni viri abbazi tal-principju ta' gustizzja ekwittativa, fl-ammont ta' LM4,000 ekwivalenti ghal disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€9317.49) (ara **Decizjoni Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd tat-13 ta' Ottubru, 2004).**

41. Isegwi li t-telf attwali subit mill-Konvenut konsegwenza tal-incident jammonta ghal LM4,323.49 ekwivalenti ghal ghaxart elef wiehed u sebghin Ewro (€10,071).

<u>Telf ta' qliegh futur tal-Attrici</u>

42. Jigi rilevat, li fid-duttrina legali moderna, l-attribuzzjoni ta' risarciment ma ghadhiex marbuta ma' dik klassika u ristretta fis-sens, li biex ikun hemm danni dawn bil-fors iridu jkunu marbuta ma' xi ghejun certi ta' qliegh. Aktar minn hekk, l-anqas ma huma kwantifikabbli danni fizici u vizibbli biss, biex dak li jkun jista' jasal ghall-likwidazzjoni ta' danni subiti mid-danneggjat. Fil-kaz tal-Attrici jirrisulta li hija mara tad-dar u qeghdha ukoll tinsisti li apparti danni fizici soffriet ukoll dawk psikologici.

43. Ghalhekk qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra dawn ix-xorta ta' danni subiti mill-Attrici, huwa valevoli li jigi iccitat dan il-bran mill-Visintini: "*Un altro aspetto importante da sottolinerare delle voci che vanno qui descritte sta nel fatto che esse servono anche ad attribuire un risarcimento a quei soggetti che non sono portatori di reditto, quindi, non indipendenti dal punto di vista economico, come le casalinghe e, inoltre, sevono a accreditare una maggiore rilevanza del danno conistente in disturbi psichici , cioe in menomazioni delle facolta' intellettive del danneggiato , che vengono a questo punto risarcite in modo diretto, in quanto esse finiscono con l'assumere rilevanza sotto il profile di una diminuzione della qualita' della vita nei rapport esterni."* (**Giovanni Visintini, Trattato Breve Della Responsabbilita` Civile, CEDAM. Ed. 1996 . Pg 546**.)

44. Dawn il-punti stabbiliti din il-Qorti kkunsidrat li l-Attrici twieldet fil-25 ta' Marzu 1967 (ara r-rapport tal-Pulizija a` fol 86). Ghaldaqstant fil-jum tal-incident (4 ta' Lulju 2004) l-Attrici kellha sebgha u tletin (37) sena. Di piu` meta sehh l-incident kienet mara tad-dar minn meta rtirat mix-xoghol taghha fit-2 ta' Mejju 2001 (ara xhieda ta' David Buttigieg a` fol 127), u cioe` madwar tlett snin qabel l-incident.

45. Fil-prospett tad-danni hemm indikat li l-Attrici kien bi hsiebha terga' tibda tahdem meta jikber ftit iehor it-tifel taghha. B'dana kollu l-Attrici irtirat definittivament minn xogholha. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li r-raguni rejali wara l-irtirar taghha, giet spjegata minn David

Buttigieg, xhud prodott mill-Attrici. Ix-xhieda tieghu timmerita li tigi citata:-

*"**Dr. Yana Micallef Stafrace**: Jirrizultalek ghaliex irrizenjat?*

***Xhud**: Iva ghax kienet hadet l-iskema ta' rtirar kmieni." (a` fol 128 )*

46. Di piu' minn meta telqet mix-xoghol taghha, f'Mejju tal-2001 u cioe` tlett snin qabel l-incident, tul kemm damet din il-kawza, l-Attrici qatt ma regghet hadmet. Ghadda bizzejjed zmien li matulu t-tifel zgur lahaq kiber bizzejjed biex setghet terga' tahdem kieku riedet. Ma ngabet ebda prova, li l-Attrici regghet irritornat ghax-xoghol ghaliex li kieku, zgur kienet tesebixxi xi xorta ta' dokumenti dwar il-qliegh taghha, talinqas ai fini ta' kalkoli ta' danni. Dan ikompli jikkonvinci l-Qorti, li l-intenzjoni tal-Attrici, meta waqfet mix-xoghol fir-rejalta' kienet li tieqaf permanentement.

47. In linea ma dak li ghid il-Visintini sucitat, il-Qrati taghna jsostnu li "*Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza ...... li mara tad-dar hi intitolata ghal kumpens* (ara "**Carmelo Zammit et vs George Bezzina et", Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Settembru 1973; "Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et", Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Jannar 1984**). U fil-kawza fl-ismijiet **Elizabeth Grech et vs Mario Briffa deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Frar 1997 per Imhallef Giannino Caruana Demajo** intqal li "*billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali",* principju li gie segwit ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu 1999 per Imhallef Noel Arrigo**. (ara ukoll **Joseph Galea et vs Charles Fenech et, Qorti Civili Prim' Awla, 19 ta' Mejju 2010**).

48. Fir-rigward tal-multiplier li ghandu jigi applikat…

*…omissis…*

50. Ai fini ta' uniformita` u konsistenza, din il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza fl-ismijiet "**Carmen Borg –vs- Eric Zammit" tal-11/12/13 PA per Imhallef Lino Farrugia Sacco** ta' kif ghandu jkun applikat il-multiplier, fejn il-Qorti issintezizzat l-iskeda li qedgha tkun riprodotta indikattiva ta' kif kellu jkun applikat il-multiplier b'relazzjoni mal-eta' tal-iddaneggjat:

| **Eta` vittma** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0-15 | 35 |
| 16-20 | 33 |
| 21-25 | 30 |
| 26-30 | 27 |
| 31-35 | 22 |
| 36-40 | 18 |
| 41-45 | 14 |
| 46-50 | 11 |
| 51-55 | 8 |
| 56+ | 6 |

51. Il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda raguni sabiex tiddiskosta ruhha mill-principji insenjati fis-sentenza citata u ghalhekk, fil-kaz tal-Attrici sejra tapplika multiplier ta' 18-il sena.

52. Skont l-Ordni ta' Standard Nazzjonali Dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71), il-paga minima applikabbli ghall-maggorenni fis-snin 2004 sa 2018 kienet is-segwenti:

| Sena | Qligh fis-sena |
|---|---|
| 2004 | €6526.52 |
| 2005 | €6738.16 |
| 2006 | €7010.64 |
| 2007 | €7222.80 |
| 2008 | €7404.28 |
| 2009 | €7616.44 |
| 2010 | €7919.08 |
| 2011 | €7979.40 |
| 2012 | €8221.72 |
| 2013 | €8433.88 |
| 2014 | €8615.36 |
| 2015 | €8645.52 |
| 2016 | €8736.52 |
| 2017 | €8827.52 |
| 2018 | €8970.52 |
| Total | 118,868.36 |

53. Jekk jitnaqqsu mis-snin tal-multiplier dawk is-snin su ndikati li fihom rrata tal-paga minima nazzjonali gia hija kalkolabbli, jibqa' biss erbgha snin. Il-Qorti tqis xieraq li z-zidiet li jinghataw il-quddiem fil-paga minima matul dawn l-erbgha snin ghandhom jigu kalkolati fuq medja ta' €2 fil-gimgha, jigifieri €104 fis-sena. Isegwi li l-paga minima dovuta fi zmien erbgha snin ghandha tkun fl-ammont ta' €36,298.08 (€125,587 [€8970.52x4] + €416 [€104 x 4]).

54. Dan l-ammont, maghdud mat-total tas-snin su ndikati, jammonta ghal **€155,166.44.**

55. Imiss issa li tkun stabbilita r-rata ta' percentwal ta' disabilitá.

F'dan irrigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak ritenut mill-**Qorti tal-Appell fisSentenza moghtija fis-26 t'April 2013 fl-ismijiet Francis Abela et vs Carmel Spiteri et:**

> *"Qabel ma din il-Qorti tasal biex tistabbilixxi rata ta' dizabilita` (fiżika u mentali) li fil-fehma tagħha hija iktar ġusta, għandu jiġi rilevat li kwalsiasi rata ta' inkapaċita` fiżika u/jew mentali mogħtija mill-esperti mediċi, mhux neċessarjament tikkorrispondi mar-riduzzjoni tal-qligħ futur effettiv tal-persuna diżabilitata (Michael Butler v. Peter Christopher Heard, App. Ċivili, 22.12.1967, Imħallfin: Sir A. Mamo, Prof JJ. Cremona, J. Flores.). Minn punto di vista legali jrid jiġi stabbilit kemm il-grad ta' menomazzjoni fiżika u mentali effettivament jinfluwixxi fuq il-kapaċita` tal-qligħ tal-persuna diżabilitata. Il-liġi tagħna tipprovdi għal kumpens biex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qligħ bħala konsegwenza tal-inkapaċita` u mhux biex jagħmel tajjeb għallinkapaċita` per se, b'mod astratt (artikolu 1045 tal-Kodici Civili). Għalkemm il-konklużjonijiet tal-periti mediċi huma ta' rilevanza kbira għall-ġudikant sabiex hu jkun jista' jillikwida t-telf ta' qligħ futur tal-persuna diżabilitata, ma jfissirx li r-rata ta' inkapaċita` medika ċċertifikata mill-esperti mediċi tikkorrispondi eżatt mar-rata tat-telf ta' qligħ futur tagħha u dan jiddependi minn persuna għal persuna u jrid jiġi eżaminat minn każ għal każ. Hekk per eżempju ir-rata ta' diżabilita` minn sens purament mediku li jasal għaliha tabib fir-rigward ta' persuna li titlef wieħed mis-swaba tagħha ċertament li mhux ser tikkorrispondi mar-rata ta' telf ta' qligħ futur ta' dik il-persuna jekk dik il-persuna hija pjanista."*

56. L-espert mediku mahtur mill-Qorti Dr. Frederick Zammit Maempel iddikjara fir-rapport tieghu li l-incident halla fuq l-Attrici dizabilitá permanenti ta' 5% "billi accelera l-artrite f'ghonqa" (a` fol 171). L-istima ta' Dr. Zammit Maempel tammonta ghal percentwal iktar minn dik moghtija mill-espert ex parte Mr. C. Sciberras (ara r-rapport tieghu a` fol 12). L-espert psikjatriku Dr. Anton Grech, wkoll mahtur mill-Qorti, iddikjara fir-rapport tieghu a` fol 182 li l-Attrici "tbati minn 'Mixed Anxiety Depressive Disorder', li hija konsegwenza tal-problemi fizici li ghandha, li hija tattribwixxi li huma konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku." Skont Dr. Grech din il-kundizzjoni tammonta ghal dizabilita permanenti ta' 5%.

57. Fir-rigward tal-hsara fizika l-Qorti tqis li l-incident seta' accellera l-artrite f'ghonq l-Attrici b'konsegwenza li seta' holoq certu limitazzjonijiet fixxoghol tad-dar tal-Attrici. Ghaldaqstant il-Qorti se tattribwixxi dik ir-rata ta' dizabilitá kif determinata mill-espert tal-Qorti, u cioe' dik ta' 5% ghall-kalkolu tad-danni.

58. Fir-rigward tal-hsara mentali tal-Attrici kif determinat mill-espert psikjatra, il-Qorti ticcita dak intqal mill-**Qorti tal-Appell fis-Sentenza Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana tal-15 ta' Jannar 2002**: "*d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li*

*timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' ghax-xoghol ta' l-individwu. Li kien mehtieg pero' anke f'dan il-kaz, hu* ***li jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li tali debilita' kawzata minn debilita' psikika tkun direttament kawzata mill-incident li ghalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilita' tkun wahda permanenti****."* (emfazi ta' din il-Qorti)

59. Mir-rapport, Dr. Grech ikkonkluda li l-Attrici tbati min 'Mixed Anxiety Depressive Disorder' minhabba "l-problemi fizici li ghandha, li hija [l-Attrici] tattribwixxi li huma konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku" (a` fol 186 ).

60. Mir-rapport tal-espert mediku sar maghruf li l-unika hsara fizika subita mill-Attrici b'konsegwenza tal-incident in kwistjoni hija l-accelerazzjoni talartrite f'ghonqa. Mir-rapport tal-espert psikjatriku jirrizulta li l-problemi fizici lamentati mill-Attrici, konsegwenza ta' liema qed tbati min din it-tip ta' disordni mentali, ma hijiex l-artrite f'ghonqa, izda t-"tbatija biex torqod; sekondarji ghall-fatt li hija ssibha difficli li torqod minhabba l-ugiegh fuq in-naha tal-lemin ta' gisimha". Dan johloq dubju serju fuq kemm tali debilita` mentali hija kawza diretta tal-incident in kwistjoni.

61. Maghdud ma dan, ghandu jitqies ukoll il-fatt, li ma giex 'stabbilit lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli' li l-hsara mentali tal-Attrici hija 'wahda permanenti' kif trid tkun sabiex tidhol fil-kalkolu ghal-likwidazzjoni tad-danni. Anzi fir-rapport tieghu Dr. Grech ikkonkluda li "[d]in il-kundizzjoni li ghandha [l-attrici] hija kronika, pero <u>huwa difficli li tghid jekk hijiex permanenti jew le."</u>

62. Il-Qorti lanqas ma teskludi l-fatt li l-Attrici setghet ezagerat dak li hija kienet verament qed thoss. Kif tghallem i**l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza Francis Abela et vs Carmel Spiteri et** gia citata supra , "*Minħabba l-fatt li d-djanjosi fir-rigward ta' diżabilita` mentali tiddependi ħafna fuq dak li lpazjent jirrakonta lill psikjatra, dejjem se jkun hemm xi ftit tal-element tad-dubju fir-rigward tal-veraċita` ta' dak li jkun qed jgħid il-pazjent. Xi ftit jew wisq hemm it-tendenza li l-affarijiet jiġu esaġerati da parti tal-pazjent li jaf ben tajjeb li iktar mar-rata tad-diżabilita` tkun kbira iktar għandu ċans li jagħmel gwadann finanzjarju."*

63. Meta jitqies li l-Attrici qatt ma fittxet sabiex tircievi kura psikologika/psikjatrika (ara l-ahhar paragrafu tar-rapport) u meta titqies ukoll l-inkonsistenza fix-xhieda taghha stess bil-mod hawn fuq imsemmi sabiex tittenta zzid it-tort fuq il-Konvenut, il-Qorti hija konvinta li l-Attrici amplifikat mal-espert psikjatriku dak li fil-fatt kienet qed thoss. Ghalhekk sa fejn jirrigwarda dawn ix-xorta ta' danni, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni r-rata ta' hsara

mentali determinata mill-espert psikjatriku ghal kalkolu minnha tad-danni.

64. Isegwi li l-kalkolu tat-telf ta' qliegh futur subiti mill-Attrici konsegwenza tal-incident ghandhom jigu kalkolati bir-rata ta' 5% fuq l-ammont gia ndikat ta' €155,166.44 u cioe **€7,758.32.** Tajjeb jinghad li sabiex il-Qorti waslet ghal dawn il-kalkoli ma haditx in konsiderazzjoni ghat-tnaqqis ta' 20% "lump sum payment" minhabba it-tul taz-zmien li hadet il-kawza u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

Telf ta' qliegh futur tal-Konvenut

65. Il-Konvenut twieled fid-9 ta' Settembru 1966 (ara rapport a` fol 87). Ghaldaqstant fil-jum tal-incident kellu kwazi tmienja u tletin (38) sena. L-espert mediku mahtur mill-Qorti Dr. Frederick Zammit Maempel ddikjara firrapport tieghu li l-incident halla fuq il-Konvenut dizabilitá permanenti ta' 4% minhabba li ma rkuprax tajjeb il-funzjoni ta' rkoptu (a` fol 165). L-istess percentwal gie moghti mill-espert ex parte Dr. Ivan Esposito fir-rapport tieghu (a` fol 36). Minhabba l-ksur f'irkoptu konsegwenza tal-incident, ilKonvenut kellu jbiddel xogholu bhala electrician ghal wiehed go garaxx jiwweldja l-hadid minhabba li "sab diffikultá bis-slielem" (ara rapport a` fol 165). Il-Qorti ghalhekk tqis gust li ghandha tigi attribwita r-rata ta' 4% kif dikjarata miz-zewg esperti ai fini ta' kalkolazzjoni tad-danni. Applikati lkriterji tat-tabella tal-multiplier kif indikat fis-sentenza **John Ransley et vs Edward Restall et** citata supra, din ir-rata ghandha tigi kkalkulata fuq multiplier ta' tmintax-il sena. Isegwi ghalhekk li t-telf ta' qliegh futur talKonvenut ghandu jigi kalkulat kif gej:

LM5,056 (paga annwali netta skont l-FS3 prezentata mill-Konvenut a` fol 46) x 18 x 4% = LM 3,640.32 ekwivalenti ghal **€8,479.66**.

66. Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% ghal raguni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('*lump sum percentage deduction*'). Gie stabbilit izda li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens ghandu jinghata meta jkun ghadda zmien qasir mill-incident u s-sentenza finali tant li jekk bejn id-data ta' l-event damnuz u d-data tal-pagament effettiv ighaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'ghandux isehh (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**; ara wkoll **Anthony Turner et vs Francis Agius et, 28 ta' Novembru 2003** fejn il-Qorti talAppell osservat li meta, bhal dan il-kaz, l-azzjoni ddum tkarkar tant li tiehu trapass twil ta' zmien mid-data tal-incident sa meta tinghata s-Sentenza finali, dan "ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sum payment'"). Gie stabbilit li l-Qorti ghandha tibda tqis it-trapass ta' zmien minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn dak inhar tal-incident (**Annunziata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004**). Diversi

sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% ghandu jonqos percentwali ta' 2% ghal kull sena ta' dewmien tal-kawza (ara fost ohrajn **Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009**).

67. Ghalhekk fil-kawza tallum, meta mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (u cioe` fit-28 ta' Gunju 2005) sa dakinhar li tinghata s-Sentenza, ma jibqa' lebda percentwal x'jitnaqqas. Jinghad ukoll li minhabba l-fatt li diga` ghaddew nofs is-snin tal-multiplier, parti sew mill-kumpens ha jkun inghata b'lura iktar milli bil-quddiem. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonsidra li m'ghandux isir it-tnaqqis tal-'lump sum payment'.

68. Ghaldaqstant it-total tad-danni subiti mill-Atturi jammontaw ghal **<u>€8,007.87</u> (€7,758.32+€249.55)** filwaqt li t-total tad-danni subiti mill-Konvenut jammontaw ghal **<u>€18,550.66</u> (€8,479.66+€10,071).** Meta dawn jigu kkalkolati fil-kwota ta' zewg terzi fuq l-Attrici u terz fuq il-Konvenut, jirrizulta li l-Attrici ghandha thallas lill-Konvenut is-somma ta' **<u>€9,231.94</u>** (€8,007.87 x ⅓ = €2,669.29. €18,550.66 x ⅔ = €12,367.11. €12,367.11 - €2,669.29 = €9,697.82 - €465.88 [danni sofferti mill-Attur Ray Vella] = €9231.94.

69. Fl-ahhar nett, inkwantu jirrigwarda s-Socjeta` Atlas Insurance PCC Ltd qua intervenjenti fil-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Alex Azzopardi –vs- Anne Ellul et tad-29 ta' Ottubru, 2010**:-

> *"Il-posizzjoni tal-intervenut fil-kawza, a distinzjoni tal-kjamat fil-kawza, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas tal-ispejjez tieghu u anqas jista' jigi kkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi kkundannat jew liberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tigi esegwita millintervenut fil-kawza u vice versa u normalment ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu. L-intervenut hu kkonsidrat li ma hux parti fil-kawza."*

70. Ghalhekk fid-dawl ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali l-Qorti ma hi ser taghmel ebda pronunzjament fil-konfront tas-Socjeta` intervenjenti fuq imsemmija.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza, bil-mod kif ser tipprovdi hawn taht dwar it-talbiet Attrici u dawk rikonvenzjonali tal-Konvenut, u cioe`:-

*<u>Talbiet tal-Atturi</u>*

**Tilqa' l-ewwel talba** tal-Atturi rikonvenzjonati b'mod limitat, fis-sens

kif fuq spjegat, u ghalhekk tiddikjara lill-Konvenut rikonvenzjonant responsabbli fi kwota ta' terz ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni, li gara fl-4 ta' Lulju 2004 fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAG 061 misjuqa mill-Attrici, propjeta` tal-Attur, u l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni TNT120 misjuq mill-Konvenut.

**Tilqa' it-tieni talba** tal-Atturi rikonvenzjonati billi tillikwida d-danni minnhom sofferti bhala li jammontaw ghal tmint elef sebgha Ewro u sebgha u tmenin centezmu **(€8,007.87**) li pero` parti minnhom ser ikunu pacuti mal-ammonti dovuti lill-Konvenut rikonvenzjonant aktar 'l isfel mill-Attrici Isabelle Vella. In kwantu ghall-ammont ta' erbgha mija hamsa u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (**€465.88**) kompriz fl-ammont hekk likwidat, dawn jirrappresentaw danni sofferti mill-Attur Ray Vella.

**Tichad it-tielet talba** tal-Atturi inkwantu jirrigwarda lil Isabelle Vella, stante li kif deciz hawn taht, l-ammont dovut lill-Konvenut rikonvenzjonant rappresentanti danni naxxenti mill-istess incident fuq imsemmi huwa akbar minn dak dovut lilha. B'dan li qed **tilqaghha** limitatament in kwantu jirrigwarda l-ammont ta' erbgha mija hamsa u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu **(€465.88**) u ghalhekk **tikkundanna** lill-Konvenut ihallas lill-Attur Ray Vella dan l-ammont bl-imghaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

*Talbiet rikonvenzjonali tal-Konvenut.*

**Tilqa' l-ewwel talba** rikonvenzjonali tal-Konvenut b'mod limitat, fis-sens kif fuq spjegat, u ghalhekk tiddikjara lill-Attrici rikonvenzjonata responsabbli fi kwota ta' zewg terzi ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni li gara fl-4 ta' Lulju 2004 fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAG 061 misjuqa mill-Attrici u l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni TNT120 misjuq mill-Konvenut.

**Tilqa' it-tieni talba** rikonvenzjonali tal-Konvenut rikonvenzjonant billi tillikwida d-danni minnu sofferti ghall-ammont ta' tmintax-il elf hames mija u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmu **(€18,550.66**).

**Tilqa' ghalhekk it-tielet talba** rinkonvenzjonali tal-Konvenut, u in linea ta' tpacija kif fuq inghad, tikkundanna lill-Attrici rikonvenzjonata lill-Konvenut lammont ta' disat elef mitejn wiehed u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu **(€9,231.94**) u dan ghar-ragunijiet fuq spjegati bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez** tal-kawza, jithallsu kwantu ghal terz (⅓) mill-Konvenut u zewg terzi (⅔) mill-Attrici Isabelle Vella. Dawk tas-Socjeta` intervenjenti fil-kawza, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata jigu ssopportati minnha.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi (04.04.2018):</u>**

8. L-aggravji tal-atturi, in suċċint, huma s-segwenti:

(a) <u>Responsabbiltà għall-inċident:</u>

Fl-ewwel lok isostnu li kellu jirriżulta lill-Ewwel Qorti li għall-inċident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut. Jaċċennaw *inter alia* għall-fatt li l-manuvra tas-sorpass li għamel il-konvenut saret:

- fejn mhux suppost, *ossia* fejn kien hemm *double white line*;

- f'post perikoluż għall-aħħar;

- b'veloċità; u

- minkejja li kien ra l-*indicator* tal-vettura tal-attriċi mixgħul.

(b) <u>Id-danni:</u>

Fit-tieni lok isostnu li konsegwenza tal-fatt li kien jaħti unikament il-konvenut, kellu jagħmel tajjeb għad-danni kollha subiti minnhom u

mhux għal terz (⅓) biss. Fi kwalunkwe każ jilmentaw li l-likwidazzjoni tad-danni li għamlet l-Ewwel Qorti (u li fuqha kkalkulat it-⅓ dovut mill-konvenut) ma kinitx korretta. L-ilmenti f'dan ir-rigward jirrigwardaw id-danni likwidati *in linea* ta' telf futur (*lucrum cessans*), senjatament fir-rigward tas-segwenti punti:

- id-danni kellhom jinħadmu fuq l-introjtu li kellha mal-Maltacom sa tliet snin qabel l-inċident mhux fuq il-paga minima; jargumentaw li għalkemm kienet telqet mill-Maltacom fl-2001 minħabba t-twelid ta' binha, kellha l-intenzjoni li terġa' tmur taħdem 'il quddiem; għalhekk jippretendu li bħala introjtu tittieħed is-somma ta' dak li qalgħet tul l-2000 b'teħid kont ukoll tal-għoli tal-ħajja u ta' żidiet futuri, u jissuġġerixxu għalhekk is-somma ta' **€20,970;**

- bħala rata ta' diżabilità isostnu li l-Ewwel Qorti kellha taddotta l-**10%** (rappreżentanti 5% diżabilità fiżika u 5% diżabilita mentali) u mhux tiskarta l-5% diżabilità mentali;

- bħala *multiplier* isostnu li kellu jinħadem fuq **30** u mhux 18;

Għalhekk isostnu li d-danni totali subiti minnhom, u li għalihom għandu jagħmel tajjeb il-konvenut, jammontaw għal:

- **€1397.62**[1] favur l-attur Ray Vella u

- **€63,159** [€62,910[2](€20,970 x 10% x 30) + €249[3]) favur l-attriċi Isabelle Vella

**(jew somom verjuri).**

**Risposta tal-appell tal-konvenut (23.05.2018):**

9. Il-konvenut wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li l-appell tal-atturi għandu jiġi respint.

**Is-soċjetà Atlas Insurance PCC Ltd (is-soċjetà assikuratriċi tal-vettura misjuqa mill-attriċi) ma weġbitx:**

10. Is-soċjetà Atlas Insurance PCC Ltd, minkejja li fid-9 ta' April 2018 ġiet debitament notifikata bl-appell tal-atturi, baqgħet ma ppreżenta l-ebda risposta fir-rigward.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

[1] Dan l-ammont jirrappreżenta l-valur tal-vettura wara t-tnaqqis tal-valur tal-karkassa (dwar dan m'hemmx aggravju)
[2] *Lucrum cessans*
[3] *Damnum emergens* (li dwaru m'hemmx aggravju)

11. Dakinhar tal-inċident kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut kienu qegħdin isuqu fi Triq il-Kosta fid-direzzjoni lejn St Andrews, ċjoè man-naħa tal-baħar. L-attriċi kienet qiegħda ssuq karozza tal-marka *Skoda* **EAG061** filwaqt li l-konvenut kien qiegħed isuq mutur tal-marka *Kawasaki* **TNT120**. Mal-konvenut kien hemm erba' sewwieqa oħra li kienu qegħdin isuqu l-muturi tagħhom wara xulxin, fosthom missieru.

**Provi:**

12. Skont ir-rapport tal-pulizija, dawn kienu l-verżjonijiet mogħtija ftit wara li saret il-ħabta mill-kontendenti u mix-xiehda preżenti fil-ħin tal-inċident:

(a) Sewwieqa: Attriċi:

*"Kont għaddejja minn Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq fid-direzzjoni li mill-Qawra tagħti lejn St Andrews u kont ser indur lejn il-lemin tiegħi, cioe` lejn Baħar iċ-Ċagħaq bl-indicator mixgħul u meta rajt li ma kinux ġejjin vetturi bdejt indur u kif kont kważi dort mutur TNT120 ġie min-naħa tal-lemin tiegħi u daħal ġo fija.*

*Wara l-ħabta ma' mutur TNT120 jien ħbatt ma' directional pole tal-plastic u kissirt il-fanal tan-naħa tal-lemin ta' quddiem."*

(b) Xhud: l-attur Raymond Vella (li ma kienx fil-karozza ma' martu):

*"Jien kont xi 50 metru bogħod minn fejn ġara l-inċident u rajt lill-mara tiegħi li kienet qed issuq vettura EAG061 u kif kienet kważi daret bl-indicator mixgħul biex tidħol lejn Baħar iċ-Ċagħaq ġie mutur minn warajha u baqa' dieħel ġol-bieba tal-lemin tagħha."*

(c) Sewwieq:Konvenut:

*"Kont għaddej minn Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq fid-direzzjoni li mill-Qawra tagħti għal St Andrews u f' ħin minnhom rajt vettura EAG061*

*tikser lejn ix-xellug tagħha u waqfet angulata lejn il-lemin u kif waqfet bdejt innaqqas il-veloċita` u kif ġejt ma' ġenb vettura EAG061 kisret għal fuqi cioe` lejn il-lemin tagħha u kaxkritni magħha.*

*Jien naf li lqatt vettura EAG061 fil-pilastru ta' bejn il-mudguard ta' quddiem u l-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-lemin tagħha.*

*Waqt li kienet qed tieqaf vettura EAG061 rajtha bl-indicator tal-lemin mixgħul filwaqt li bdiet tikser lejn ix-xellug tagħha.*

*Il-mutur tiegħi waqt l-inċident kellu d-dawl mixgħul u jien kont liebes flokk isfar.*

*Fl-opinjoni tiegħi il-vettura EAG061 kienet ser tagħmel U-turn."*

(d) Xhud Joseph Magro:

*"Jien kont għaddej minn Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq fid-direzzjoni li mill-Qawra tagħti lejn St Andrews xi 100 pied wara l-mutur TNT120 u rajtu qed jaqbeż vettura EAG061 min-naħa tal-lemin tagħha u f' daqqa waħda il-vettura EAG021 kisret għal fuq il-mutur u daħlet ġo fih."*

(e) Xhud Carmel Vella:

*"Kont għaddej minn Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq fid-direzzjoni li mill-Qawra tagħti lejn St Andrews xi 40 pied wara l-mutur TNT120 u rajt vettura EAG061 tisker lejn il-lemin tagħha cioe` lejn Baħar iċ-Ċagħaq u kif daret laqtet il-mutur li kien fuq in-naħa tal-lemin tagħha."*

13. Il-verżjoni tal-pulizija (*Police Version of Events*) li tniżżlet fuq l-istess rapport taqra hekk:

*"Vehicles TNT120 and EAG061 were driving along the Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq when vehicle EAG061 turned to her right to enter the Baħar iċ-Ċagħaq area and motorcycle TNT120 collided into vehicle EAG061 and finished on the other side of the road."*

14. L-iskizz juri kif spiċċaw il-vettura u l-mutur (fuq in-naħa l-oħra tat-triq) wara l-ħabta:




15. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-atturi appellanti din il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xiehda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti dwar kif seħħet il-ħabta.

16. **<u>L-attriċi Isabelle Vella</u>** fix-xiehda tagħha spjegat li hija toqgħod Baħar iċ-Ċagħaq u li fil-fatt meta saret il-ħabta kienet qiegħda tikser biex tidħol proprju għal fejn toqgħod. Qalet li kellha t-tfal fuq wara. Spjegat hekk:

> *"Naf li waqaft hemmhekk skond is-sinjal u bl-indicator, iċċekkjajt jekk hux kollox clear. Niftakar ta' faċċata kien waqafli, tani biex nidħol…Erġajt tajt titwila u dħalt għalija. Kif għalija dħalt f' daqqa waħda ħoss kbir ta' mutur u wiċċ ta' raġel ma' wiċċi."*

17. Fuq domanda tal-Qorti qalet li hija kienet resqet lejn il-lemin. Mistoqsija x' ġara meta rat wiċċ il-konvenut, wieġbet:

> *"Dak il-ħin tisbita, naf għolejna, rajna s-sħab u erġajna nstabatna n-naħa l-oħra…Il-karozza ħadet daqqa mal-maqrut, għoliet, daret għax f' daqqa waħda rajt is-sħab idur ħafna u kollox sekondi mbagħad ġejna man-naħa l-oħra tal-maqrut."*

18. B'referenza għar-ritratt **Dok R7,** u fuq domanda tal-Qorti, spjegat li kienet ser tidħol fuq in-naħa l-oħra minn fejn hemm il-vleġġa (vleġġa bajda fuq sfond blu). Fuq domanda tal-Qorti ukoll, spjegat li bid-daqqa li ħadet it-"*triangle*" qabżitu. Fil-fatt il-Qorti kkummentat "*dortu prattikament ninety degrees*".



19. Kontroeżaminataqalet li hija kienet waqfet quddiem il-fetħa. Mistoqsija f'liema stadju resqet lejn in-nofs tat-triq, qalet hekk:

> *"Qiegħda tiġi minn din in-naħa, dejjem nixgħel l-indicator imbagħad nara għax dak li jkun ikun jaf li jiena ħa nikser niġi hawnhekk, tiġi hawnhekk qisek fin-nofs imma aktar lejn Baħar iċ-Ċagħaq. Ta' warajja jgħaddu minn din in-naħa jibqgħu telgħin 'il fuq u jien tkun clear nidħol."*

20. Mistoqija jekk waqt li kienet qed tistenna sakemm iċedilha xi ħadd minn faċċata kienx hemm spazju biżżejjed fuq ix-xellug tagħha biex taqbiżha karozza, wieġbet fl-affermattiv. Mitluba tispjega x'titwila tat qabel ma ddeċidiet li toħroġ, qalet li ħarset lejn il-mirja taż-żewġ naħat u tan-nofs. Qalet li warajha ma ratx il-mutur tal-konvenut, iżda biss karozzi. Qalet li waqt li kienet wieqfa tistenna sakemm iċedilha xi ħadd minn faċċata kienu qabżuha xi vetturi mix-xellug. Mistoqsija jekk fil-waqt li saret il-ħabta mal-mutur kinitx għadha wieqfa jew kinitx għaddiet, wieġbet li kienet "*dieħla*".

21. **Bint l-attriċi Stephanie Vella**, li kienet riekba fuq wara qalet li dakinhar tal-inċident kellha xi erbatax / ħmistax-il sena. Ikkonfermat li joqogħdu viċin tal-post fejn saret il-ħabta. Xehdet hekk:

> *"Konna morna nixtru, Sunday drive insuqu bil-mod. Imbagħad f' daqqa waħda konna qegħdin fuq il-bay nistennew u ċedielna tal-faċċata u kif qed induru naraw wieħed bil-mutur mal-ħġieġa tad-driver u we just flew."*

22. Murija ir-ritratt **Dok R7** qalet:

*"Aħna konna deħlin minn hawnhekk, bid-daqqa tirna aħna. Tirniha kollha dik it-triangle."*

23. **L-attur Raymond Vella** qal li kien qiegħed idur bil-kelb fl-inħawi u ra l-inċident iseħħ. Xehed hekk:

*"Rajtha qiegħda fin-nofs ġejja min-naħa tas-Salini qiegħda fil-bay tan-nofs….Kif il-karozza ta' faċċata tagħha taha ċ-ċans li tgħaddi qabdet miexja, inqala' dan il-mutur…. ġie jiġifieri kien qed jaqla' u baqa' dieħel in-naħa tal-bieba ta' Isabelle."*

24. Mistoqsi fejn kienet meta qalgħet id-daqqa, qal li kienet parti fit-triq prinċipali u parti dieħla. Qal li mad-daqqa l-karozza għoliet.

25. **Joseph Azzopardi** spjega li joqgħod faċċata tal-baħar u kien miexi fl-inħawi, fil-fatt kien qiegħed iħares lejn il-vetturi li kienu għaddejjin sabiex jaqsam it-triq lejn in-naħa tal-baħar biex imur jixtri s-sigarretti. Kien għadu ma qasamx meta seħħ l-inċident. Huwa ddeskriva l-ħabta hekk:

*"…nara karozza ħadra ġejja min-naħa tal-Magħtab jiġifieri għal St Andrews u nieżla bil-hands bdiet tindika li dieħla għar-raħal ta' Baħar iċ-Ċagħaq…. hi fuq il-lemin tagħha pero` nieżla fuq ix-xellug u s'intendi hemmhekk, anke jien nagħmilha dik, noħroġ daqsxejn għan-nofs biex nagħti ċans il-karozzi li ġejjin warajja jibqgħu għaddejjin. Rajtha tieqaf biex tistenna l-karozzi ġejjin mill-faċċata, ikollha ċ-ċans tidħol lejn Baħar iċ-Ċagħaq u f' daqqa waħda kif clearjat it-triq u se taqsam għal Baħar iċ-Ċagħaq jiġi mutur fid-direzzjoni tagħha stess, kien ġej min-naħa tal-Magħtab, minn dawk l-inħawi, qed jaqbeż il-karozzi kollha u minflok qabiżha minn ġewwa mix-xellug tagħha qabiżha mil-lemin. Hi s'intendi rat it-triq clear minn faċċata u daret kienet bil-hands u nisma' daqqa."*

26. Kompla jgħid:

*"…ir-raġunar tiegħi kienet li hi, kont għadni ma qsamtx jien, li hi ħarġet għan-nofs u ħa taqla' biex tidħol għal Baħar iċ-Ċagħaq. Suppost kienet rat it-triq clear minn faċċata u se tidħol, iċċaqalqet ftit meta ġie*

*l-mutur taha daqqa fuq in-naħa tal-lemin tagħha….*

*…. Hi kienet ġejja min-naħa tax-xellug, bil-hands ħarġet għan-nofs għal fuq fejn hemm it-tpinġija mal-art, resqet lejn il-lemin sa fejn għandek li tista toħroġ biex għamlet il-hands li dieħla lejn ir-raħal ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Waqfet hemm imbagħad meta rajtha se taqla' għan-naħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq, jiġifieri assumejt li kellha t-triq clear minn faċċata, rajt il-mutur ġej min-naħa tal-lemin tagħha, qabeż il-karozzi u rajt il-ħabta."*

27. Mistoqsi jekk rax lill-mutur jaqbeż il-linja tan-nofs qal "*le ma nistax nidħol fiha."*

28. **<u>Joseph Magro</u>** kien wieħed mis-sewwieqa tal-muturi li bħall-konvenut kienu għaddejjin minn Triq il-Kosta wara xulxin. Muri r-ritratt **Dok R1** huwa indika <u>b'ċirku aħmar</u> fejn skont hu seħħ l-inċident, u <u>b'salib aħmar</u> fejn skont hu kien jinsab huwa meta seħħ l-inċident.




29. Qal "*il-karozza rajtha toħroġlu u spiċċa ġo fiha*." Sostna li l-

konvenut kien fil-*lane* tiegħu u "belgħa" l-karozza tal-attriċi.

30. <u>Kontroeżaminat</u> ikkonferma li kienu għaddejjin wara xulxin ħames muturi: kien hemm tlieta quddiemu u wieħed warajh. Qal li kollha jafu lil xulxin u jagħmlu din il-ħarġa bil-muturi kull nhar ta' Ħadd. Qal li jaħseb li l-vettura tal-attriċi kienet "*wieqfa qed tipprepara biex taqsam*" imbagħad qal li "*Jiena din il-karozza rajtha taqsam*". Qal li l-karozza ma kinitx fuq in-naħa ta' barra u li "*l-mutur kellu minn fejn jgħaddi u jibqa' ġol-lane*". Qal li l-muturi l-oħra għaddew mil-lemin tal-karozza imma fil-*lane.* Qal li jiftakar li l-karozza qasmet u għalhekk il-konvenut "*filli kellu minn fejn jgħaddi u filli le.*" Qal li filli ra "*gap*" u filli l-"*gap*" ingħalaq. Muri l-iskizz a fol 85, huwa indika <u>b'ċirku aħmar</u> fejn skont hu seħħ l-inċident. (Jiġi osservat li fejn indika l-punt tal-inċident fuq l-iskizz ma jaqbilx ma' fejn indikah fuq ir-ritratt **Dok R1**: dan għaliex filwaqt li fuq ir-ritratt indikah 'il ġewwa mil-linja tan-nofs, fuq l-iskizz indikah fuq il-linja).

31. <u>Kontroeżaminat</u> ulterjorment qal li l-mutur tal-konvenut laqat il-vettura tal-attriċi "*kważi kważi tiġi qisha fuq il-line*". Qal li jaħseb li kif il-konvenut ra l-karozza tal-attriċi taqsamlu ġenneb xi naqra 'l barra, imma ma kienx biżżejjed.

32. **<u>Carmel Vella</u>** kien ukoll wieħed mis-sewwieqa tal-muturi li bħall-

konvenut kienu għaddejjin minn Triq il-Kosta wara xulxin. Qal li hu kien l-aħħar wieħed, il-ħames wieħed: kien wara Joseph Magro. Muri r-ritratt **Dok R1** qal li kien kważi fejn Joseph Magro indika s-salib bl-aħmar. Qal li l-ħabta saret viċin ta' fejn hemm immarkat iċ-ċirku aħmar fuq l-istess ritratt. Qal li l-biċċa l-kbira kienu qegħdin isuqu bl-40km/hr. Mistoqsi dwar l-inċident qal:

> "*Rajt il-karozza mal-ħajt wieqfa, kważi totalment kienet wieqfa, rajt lil Toni għaddej bil-mutur, kważi qabiżha, kważi wasal mal-bumper ta' quddiem u daritlu f' daqqa l-karozza."*

33. Kontroeżaminat qal li l-attriċi kienet wieqfa fil-ġenb u "*daret f' daqqa*". Qal li kienet wieqfa fuq in-naħa tax-xellug tat-triq. Qal li kif il-konvenut kien se jaqbiżha, daret. Mistoqsi kellhiex *indicator* mixgħul qal li ma rax.

34. **Il-konvenut Anthony D'Anastasi** spjega li dakinhar tal-inċident kien ma' erbgħa oħra, ilkoll isuqu l-muturi tagħhom. Qal li kien it-tielet wieħed u li missieru u ieħor jismu Carmel miż-Żejtun kienu qablu. Qal li ma kinux għaddejjin b'veloċità. Xehed hekk dwar il-ħabta:

> *"Kif qed indur dik il-kisra hemmhekk fejn hemm tal-ġelat, ikun hemm karozza, naraha wieqfa, proprja rajtha waqfet naqra bl-indikatur, rajtu l-indikatur jien, kollox rajt jien. U jien għidt: "X' se tagħmel din il-karozza?" Kif mort biex ngħaddi ħarġitli f' daqqa u weħilt ma' quddiem tagħha. Hekk niftakar jien."*

35. Mistoqsi fuq liema naħa tat-triq seħħ l-inċident qal hekk:

> *"Hi kienet fuq in-naħa ta' ġewwa. Aħna konna fuq in-naħa tal-lane imma mhux fuq ġewwa…..Qatt ma nsuqu fuq ġewwa aħna. L-ewwel*

> *nett minħabba s-safety, jekk xi ħadd jiġi u jrossok mal-bankina."*

36. Muri r-ritratt **Dok R1** l-Ewwel Qorti spjegat li l-konvenut indika fejn hemm iċ-ċirku bl-aħmar bħala l-post fejn qal li ra l-vettura tal-attriċi. Imbagħad qal li skont hu l-inċident seħħ eżatt fejn hemm iċ-ċirku bl-aħmar.

37. <u>Kontroeżaminat</u> qal li meta ra l-vettura tal-attriċi l-ewwel darba "*rajtha qisha se timmanuvra, għidt: x' se tagħmel din? Se ddur?".* Qal li "*Għalija riedet iddur. Imma lili waqfitli dak il-ħin. Gerfxitni."* Qal li meta raha kienet "*slanting"* xi ftit lejn il-lemin. Mistoqsi għaliex jekk raha l-vettura tagħha bl-*indicator* mixgħul u *slanting* lejn il-lemin, xorta ddeċieda li jaqlagħha minn barra, wieġeb:

> *"Ejja ngħidu li jiena kont għaddej bil-mutur, jiena rajtha wkoll il-mara ġol-karozza u hi qisha ħarsitli. Hi xorta qisha ħarsitli b'dak il-wiċċ hekk u jien xorta ma fdajthiex. Imma xorta meta għaddejt, ħarġet hi."*

38. Mistoqsi għaliex qabiżha mil-lemin u mhux mix-xellug, wieġeb:

> "*Aħna, fin-naħa ta' barra nsuqu….Aħna qatt ma ngħaddu minn ġewwa!"*

39. Mistoqsi jekk indunax li kienet ser iddur, qal:

> "*Ejja ngħidu li għidt f' moħħi li se ddur, jien għidt: X' se tagħmel din?....Jiena m'għidtx li mhux se ddur. Dik il-karozza kienet qed taħseb li se ddur, veru. Pero kienet fuq in-naħa ta' ġewwa, jiena kważi wasalt magħha, naħseb dak il-ħin xi 25km naqqastlu, bil-mod ħafna hemm. Kif ma kontx naf x' se tagħmel din, tajtu l-gass biex ngħaddi."*

40. Ikkonferma li l-vettura tal-attriċi raha quddiemu, bl-*indicator* mixgħul, u angolata lejn il-lemin.

**L-ewwel aggravju**: *Responsabbiltà għall-inċident:*

41. Kif wieħed jista' jara minn eżami akkurat tax-xiehda, il-verżjonijiet tal-kontendenti huma kontrastanti sew.

42. Il-verżjoni tal-attriċi, żewġha u bintha bażikament hija fis-sens li l-vettura tagħha kienet wieqfa għan-nofs ta' Triq il-Kosta bl-*indicator* mixgħul tistenna biex iddur għal Baħar iċ-Ċagħaq, u li meta t-traffiku minn faċċata kien *clear* u kienet qiegħda fil-fatt taqsam il-*lane* opposta għal Baħar iċ-Ċagħaq daħal fiha l-konvenut mil-lemin. (Żewġha u bintha fil-fatt qalu li kienet qiegħda tistenna fil-*bay,* u hija ukoll fil-fatt qalet li kienet wieqfa "*skont is-sinjal*" u bl-*indicator,* u li kienet qisha "*fin-nofs imma aktar lejn Baħar iċ-Ċagħaq*".) Il-verżjoni tagħhom għalhekk hi fis-sens li l-konvenut kien qiegħed jissorpassaha mil-lemin tagħha u oltre l-linja tan-nofs tat-triq.

43. Min-naħa l-oħra l-verżjoni tal-konvenut u sħabu l-oħra tal-muturi hija fis-sens li l-attriċi kienet fuq in-naħa ta' ġewwa (xellug) tal-karreġġjata u li qabdet u kisret lejn il-lemin bil-vettura tagħha minn quddiem il-konvenut waqt li huwa kien qiegħed fil-*lane* tiegħu. Fil-fatt il-post fejn

skont huma seħħ l-impatt ġie indikat b'ċirku fuq ir-ritratt **Dok R1** (ara *supra*), għalkemm kif diġà osservat din il-Qorti, Joseph Magro indika l-post tal-impatt fuq l-iskizz f'punt differenti, *ossia* iktar 'il barra minn fejn ġie immarkat fuq ir-ritratt.

44. L-Ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni tal-konvenut. Qalet li ma ġiex pruvat li huwa qabeż il-linja tan-nofs ta' Triq il-Kosta. Fil-fatt iċċitat mix-xiehda ta' Joseph Azzopardi (li huwa xhud indipendenti li nzerta joqgħod fl-inħawi) li meta mistoqsi jekk rax il-mutur tal-konvenut jaqbeż il-linja tan-nofs huwa qal "*Le ma nistax nidħol fiha*".

45. Inċidentalment però, dan ix-xhud jikkorrobora l-verżjoni tal-attriċi. Fl-ewwel lok ma qalx li l-konvenut ma qabiżx il-linja tan-nofs; fit-tieni lok għalkemm huwa minnu li qal li ma setax jgħid jekk rax lill-konvenut jaqbeż il-linja tan-nofs, ix-xiehda tiegħu effettivament tikkonferma proprju dan. Huwa spjega fid-dettall li l-attriċi kienet waqfet tistenna għan-nofs it-triq (fil-fatt anke kkummenta li huwa, li joqgħod fl-inħawi, hekk ukoll jagħmel meta jkun ser idur għal Baħar iċ-Ċagħaq); qal li resqet fejn hemm it-tpinġija mal-art u li resqet lejn il-lemin "*sa fejn għandek li tista' toħroġ*". Jidher għalhekk li fil-fatt kien qiegħed jirreferi għall-"bay" ta' nofs it-triq li jsemmu l-familjari tal-attriċi *ossia* s-"sinjal" li ssemmi l-attriċi, li anke jidher fir-ritratt **Dok R1** u fuq l-iskizz. Ta' rilevanza hija din il-parti tax-xiehda ta' Azzopardi li din il-Qorti qiegħda terġa' tiċċita:

***"…. Hi kienet ġejja min-naħa tax-xellug, bil-hands <u>ħarġet għan-nofs għal fuq fejn hemm it-tpinġija mal-art, resqet lejn il-lemin sa fejn għandek li tista toħroġ biex għamlet il-hands li dieħla lejn ir-raħal ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Waqfet hemm</u> imbagħad meta rajtha se taqla' għan-naħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq, jiġifieri assumejt li kellha t-triq clear minn faċċata, rajt il-mutur ġej min-naħa tal-lemin tagħha, qabeż il-karozzi u rajt il-ħabta."***
(enfasi ta' din il-Qorti)

46. Dan ix-xhud jikkonferma għalhekk li l-attriċi kienet wieqfa għan-nofs ta' Triq il-Kosta; <u>isegwi allura li biex il-konvenut qabiżha mil-lemin tagħha bilfors li qabeż il-linja tan-nofs tat-triq</u>. Ifisser għalhekk li mhux korrett dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti meta qalet li l-kawża prossima għall-inċident kienet il-manuvra li għamlet l-attriċi meta biex tikser lejn il-lemin "*qasmet ir-rotta*" tal-konvenut mingħajr "*proper lookout*", u li l-manuvra tal-konvenut kienet biss kontributorja b'tort ta' terz (⅓) biss. Mill-fatti kif jemerġu l-attriċi ma setgħet tagħmel xejn iktar minn dak li għamlet. L-attriċi kienet <u>diġà tinsab wieqfa għan-nofs ta' Triq il-Kosta tistenna sakemm in-naħa opposta tat-triq tkun "*clear*" mit-traffiku sabiex tkun tista' taqla' u tikser lejn il-lemin għal Baħar iċ-Ċagħaq</u>. Għalhekk assolutament li ma jistax jingħad li l-ħabta ġrat għaliex qasmet il-karreġġjata tal-konvenut waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu 'il ġewwa mil-linja tan-nofs.

47. Din il-Qorti għall-kuntrarju ssib li kienet unikament il-manuvra azzardata u perikoluża tal-konvenut li kkaġunat l-inċident. Huwa ammetta li ra l-vettura tal-attriċi bl-*indicator* mixgħul, u għalkemm sostna li ma kienx

ċert x'kienet ser tagħmel, ma eskludiex li kienet ser iddur. Ta' rilevanza partikolari hija din is-silta mix-xiehda tiegħu li din il-Qorti ser terġa' tiċċita:

> ***"Ejja ngħidu li għidt f' moħħi li se ddur, jien għidt: X' se tagħmel din?....Jiena m'għidtx li mhux se ddur. Dik il-karozza kienet qed taħseb li se ddur, veru. Pero kienet fuq in-naħa ta' ġewwa, jiena kważi wasalt magħha, naħseb dak il-ħin xi 25km naqqastlu, bil-mod ħafna hemm. <u>Kif ma kontx naf x' se tagħmel din, tajtu l-gass biex ngħaddi.</u>"***
> (enfasi ta' din il-Qorti)

48. Din il-Qorti fid-dawl ta' dak li jirriżulta mix-xiehda tal-attriċi u l-familjari tagħha, u kif korroborat mix-xhud Azzopardi, ċjoè li l-attriċi kienet qiegħda tistenna għan-nofs ta' Triq il-Kosta, issibha diffiċli temmen li l-konvenut ma fehemx x'riedet tagħmel l-attriċi, speċjalment meta hu stess ammetta li raha bl-*indicator* mixgħul. Kien aġir azzardat u negliġenti da parti tiegħu meta minkejja li (skont hu) ma kienx jaf x' kienet ser tagħmel il-vettura tal-attriċi, <u>deherlu li kellu jagħfas il-gass u jissorpassaha mil-lemin, proprju min-naħa ta' fejn kellha l-*indicator* mixgħul.</u> Anke jekk seta' kien il-każ li l-vettura wieqfa tal-attriċi ma kinitx kollha kemm hi eżatt fin-nofs ta' Triq il-Kosta (ċjoè fil-*bay*), imma kellha parti minnha għadha fil-karreġġjata, minn dak li jidher mir-ritratt **Dok R1** it-triq kienet wiesgħa biżżejjed sabiex xorta jista' jgħaddi t-traffiku mix-xellug tagħha (fil-fatt l-attriċi xehdet li waqt li kienet qiegħda wieqfa tistenna kienu għaddew vetturi mix-xellug tagħha). L-Artikolu 182 tal-Kodiċi għat-Traffiku tat-Triq fil-fatt isemmi eċċezzjonijiet għar-regola li sewwieq għandu jaqla' mil-lemin, u waħda minnhom hija propju meta l-vettura ta' quddiem tkun għamlet sinjal li se ddur fuq il-lemin u jkun possibbli li s-sewwieq jista'

jaqla' tali vettura bla periklu mix-xellug. L-argument tal-konvenut li huma dejjem jaqilgħu bil-muturi tagħhom mil-lemin, bħallikieku din hija xi regola speċjali tal-muturi, ma tirriżultax mill-Kodiċi għat-Traffiku tat-Triq. U jekk għal xi raġuni t-traffiku partikolari ta' dak il-ħin ma kienx jippermetti lill-konvenut li jaqla' l-vettura tal-attriċi bla periklu mix-xellug, kellu anke l-alternattiva li jnaqqas iktar jew jieqaf għal kollox sakemm hija taqla' lejn il-lemin; hu stess xehed li kien għaddej "*bil-mod ħafna*" b'veloċità ta' xi 25 km fis-siegħa u allura suppost kellu kontroll tajjeb fuq il-mutur tiegħu biex jieqaf jew inaqqas tempestivament jekk ikun hemm bżonn. Minflok, huwa għażel l-iktar alternattiva perikoluża: li jissorpassa l-vettura tal-attriċi mil-lemin minkejja li kien ra li tat is-sinjal li kienet ser tikser lejn il-lemin.

49. Fid-dawl tas-suespost jirriżulta li għall-inċident kien jaħti unikament il-konvenut mingħajr ebda kontributorjetà da parti tal-attriċi fejn ma jistax jingħad li setgħet ratu u xorta saqet biex tikser għal lemin meta jidher mill-provi li wara l-attriċi kien hemm vettura oħra u għalhekk il-konvenut xiref minn wara vettura oħra u sabha ma' wiċċu hi u tikser.

50. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti huwa fondat.

**<u>It-tieni aggravju</u>**: *Likwidazzjoni tad-danni in linea ta' lucrum cessans:*

(a) L-introjtu tal-attriċi:

51. L-Ewwel Qorti rriteniet li l-introjtu li kellu jittieħed għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni rappreżentanti telf ta' qligħ futur tal-attriċi kienet il-paga minima; dan għaliex fl-2001 kienet telqet mix-xogħol li kellha mal-Maltacom u allura meta seħħ l-inċident kienet ilha tliet snin taħdem bħala mara tad-dar. Għalkemm fil-prospett tad-danni[4] (u anke fin-nota tas-sottomissjonijiet[5]) l-atturi ddikjaraw li l-intenzjoni tal-attriċi kienet li terġa' tibda' taħdem meta jikber ftit iktar binha, l-Ewwel Qorti qieset li hija fil-fatt kienet irtirat definittivament fl-2001 billi għażlet l-iskema ta' rtirar kmieni. Qieset ukoll li tul il-proċeduri, minkejja li binha laħaq kiber biżżejjed biex terġa' timpjega ruħha, ma ppreżentat l-ebda dokumenti sabiex turi li fil-fatt hekk għamlet, u għalhekk l-Ewwel Qorti iktar ikkonvinċiet ruħha li l-intenzjoni tal-attriċi meta waqfet mix-xogħol fl-2001 kien li tieqaf definittivament.

52. Fl-appell tagħhom l-atturi appellanti sempliċiment jirriproduċu kelma b'kelma dik il-parti tan-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom fejn kienu qalu li hija waqfet taħdem mal-Maltacom fl-2001 minħabba t-twelid ta' binha u li dejjem kellha l-intenzjoni li terġa' tibda taħdem la jikber ftit u li allura l-introjtu tagħha kellu jinħadem fuq is-salarju gross li qalgħet fl-

[4] Fol 25
[5] Fol 238 *et seq*

aħħar sena sħiħa li ħadmet mal-Maltacom inkluż li jittieħdu in konsiderazzjonijiet l-għoli tal-ħajja u żidiet fil-paga.

53. Din il-Qorti ssib li l-kunsiderazzjonijiet li diġà għamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma validi u ma jimmeritawx l-iċken ċensura. Għalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti li d-danni in linea ta' *lucrum cessans* għandhom jiġu kkalkulati fuq il-paga minima ladarba l-attriċi kienet u għadha mara tad-dar.

(b) Ir-rata ta' diżabilità:

54. L-espert mediku maħtur mill-Qorti, Mister Frederick Zammit Maempel, ikkonkluda li l-inċident ħalla lill-attriċi b'diżabilità permanenti ta' **5%** billi "*aċċellera l-artrite f'għonqha*"; filwaqt li l-espert psikjatriku Dr.Anton Grech ukoll maħtur mill-Qorti kkonkluda li l-inċident ħalla lill-attriċi b'diżabilità permanenti ta' **5%** minħabba li bħala konsegwenza tal-problemi fiżiċi li l-attriċi tattribwixxi għall-inċident hija tbati minn "*Mixed Anxiety Depressive Disorder*".

55. L-Ewwel Qorti aċċettat ir-rata ta' 5% rappreżentanti d-danni fiżiċi għaliex qieset li dawn setgħu fil-fatt ħolqu ċertu limitazzjonijiet fix-xogħol tad-dar tal-attriċi, iżda dehrilha li kellha tiskarta l-5% rappreżentanti d-danni psikiċi wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

- skont ir-rapport tal-espert psikjatriku l-problemi fiżiċi lamentati mill-attriċi mhix l-artrite f'għonqha iżda t-tbatija biex torqod, sekondarja għall-fatt li ssibha diffiċli li torqod minħabba uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' ġisimha, u għalhekk hemm dubju kemm id-debilità mentali hix kawża diretta tal-inċident;

- skont ir-rapport tal-espert psikjatriku huwa diffiċli jingħad jekk il-kundizzjoni hix permanenti jew le;

- skont ir-rapport tal-espert psikjatriku l-attriċi ma fittxitx biex tirċievi kura psikoloġika/ psikjatrika;

- fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Abela et v Carmel Spiteri et** (deċiża fis-26.04.2013) il-Qorti tal-Appell irriteniet li dejjem hemm it-tendenza li l-pazjent jesaġera l-affarijiet li jirrakkonta lill-psikjatra sabiex ir-rata ta' diżabilità tkun kbira u jkollu ċans jagħmel gwadann finanzjarju.

56. Din il-Qorti fl-ewwel lok sejra tiċċita s-segwenti paragrafi mir-rapport tal-perit psikjatriku li huwa datat 23 ta' Ottubru 2009:

> ***"J. Eżami tal-istat mentali:***
>
> *Apparenza u mġieba: kalma u tikkopera, iżżomm ruħha tajjeb. Hija bkiet waqt l-intervista.*

*<u>Kif titkellem</u>: rata, ton u volum normali.*

*<u>Burdata</u>: imdejqa (tirreaġixxi bi dwejjaq, meta tara li qed tkun fiżikament limitata konsegwenti għall-inċident). Ma tħosshiex imdejqa meta ma tħosshiex tbati minn tali konsegwenzi fiżiċi. Tbatija biex torqod: sekondarji għall-fatt li ssibha diffiċli li torqod minħabba l-uġiegħ fuq in-naħa tal-lemin ta' ġisimha. Aptit għall-ikel: jiżdied meta tkun anzjuża.*

*Is-sintomi tal-ansjeta` tħosshom fil-għaxija.*

*Ikollha ħsibijiet rikorrenti fis-sens li l-ħajja m'hijiex ta' min jgħixha.*

*<u>Ħsibijiet:</u> ħsibijiet frekwenti dwar kemm issiha diffiċli li taċċetta l-konsegwenzi li l-inċident kellu fuqha u l-limitazzjonijiet li dan ġabilha. Ma tbatix minn delużjonijiet u ossessjonijiet.*

*<u>Perċezzjonijiet</u>: xejn mhux normali.*

*<u>Insight</u>: tajjeb.*

***<u>K. Konklużjoni:</u>***

*Is-sinjura Isabelle Vella qiegħda tbati minn "Mixed Anxiety Depressive Disorder" li hija konsegwenza tal-problemi fiżiċi li għandha, li hija tattribwixxi li huma konsegwenza tal-inċident tat-traffiku. Din il-kundizzjoni li għandha hija kronika, pero` huwa diffiċli li tgħid jekk hijiex permanenti jew le. Ta' min jinnota li hija qatt ma rċeviet kura psikoloġika/ psikjatrika minħabba din il-kundizzjoni."*

57. Għalkemm huwa minnu li l-attriċi qalet lill-espert psikjatriku li hija tbati biex torqod minħabba <u>uġigħ fuq il-lemin ta' ġisimha</u> din il-Qorti ma tarax li kienet korretta l-Ewwel Qorti meta in vista tal-fatt li l-espert mediku ikkonkluda li l-inċident <u>aċċellera l-artrite f' għonqha</u> ikkonkludiet li allura hemm dubju kemm id-debilità mentali hija konsegwenza tal-inċident.

58. Jiġi osservat li fir-rapport tal-espert mediku Mister Frederick Zammit Maempel huwa qal hekk dwar l-uġigħ li jqajjem lill-attriċi bil-lejl:

> *"1. <u>Uġigħ fil-lemin ta' daharha</u>. Dan l-uġigħ tħossu ta' spiss u jċedi xi ftit jekk tidlek "oil of emu". Qaltli li ġieli jqajjimha bil-lejl u żiedet tgħidli li meta tħoss dan l-uġigħ, <u>tħoss ukoll għonqha</u>, d-driegħ tal-lemin u r-riġel tal-lemin "stiff"…."*
>
> (enfasi ta' din il-Qorti).

59. Ifisser għalhekk li l-uġigħ li jaffettwa l-irqad tagħha (u li konsegwentement jaffettwa is-saħħa mentali tagħha) jinvolvi wkoll l-għonq, li kif ikkonstata l-perit mediku ġie affettwat bl-inċident. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx li d-debilità mentali kkonstatata mill-perit psikjatriku mhix relatata mal-inċident.

60. Kwantu għas-sentenza mogħtija fil-kawża **Abela v. Spiteri**, filwaqt li huwa minnu li minħabba l-fatt li d-djanjosi fir-rigward ta' diżabilità mentali tiddependi fuq dak li l-pazjent jirrakonta lill-espert psikjatriku, hemm it-tendenza li pazjenti jesaġeraw xi ftit il-kundizzjoni tagħhom, dan ma jfissirx li jsir hekk f'kull każ u li allura il-ġudikant għandu awtomatikament dejjem inaqqas ir-rata li jkun wasal għaliha l-perit psikjatriku.

61. Fil-każ in kwistjoni din il-Qorti, kuntrarjament għall-Ewwel Qorti, ma tiddubitax li l-attriċi qiegħda ssofri diżabilità psikika bħala konsegwenza tad-diżabilità fiżika li sofriet riżultat tal-inċident; lanqas ma tissuspetta li esaġerat is-sintomi mal-espert psikjatriku. Madanakollu, (i) tenut kont tal-fatt li jista' jkun il-każ li d-diżabilità psikika ma hix waħda permanenti, u (ii)

iktar minn hekk, tenut kont ukoll tal-fatt li l-attriċi ma fittxitx kura psikoloġika jew psikika sabiex tgħin ruħha f'dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tnaqqas ir-rata ta' diżabilità psikika minn 5% għal **2%.**

62. B'hekk ir-rata ta' diżabilità li fuqha għandhom jiġu kkalkulati d-danni hija ta' 7% (5% + 2%).

(c) Il-*Multiplier:*

63. Meta seħħ l-inċident (f' Lulju 2004) l-attriċi kellha 37 sena.[6] L-Ewwel Qorti qieset l-iskeda suġġerita fis-sentenza **Carmen Borg v. Eric Zammit**[7] ta' kif għandu jiġi applikat il-*multiplier* skont l-età tal-vittma. F' tali skeda, għall-*age bracket* ta' 36-40 hemm suġġerit multiplier ta' 18, u għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-multiplier għandu jkun 18.

64. L-atturi appellanti jargumentaw li meta seħħ l-inċident l-attriċi kellha 35 sena u li ladarba l-età tal-irtirar hija dik ta' 65 sena għalhekk kellu jittieħed *multiplier* ta' 30.

65. Kif ingħad, l-attriċi kellha 37 sena u mhux 35 sena. Issa kwantu għall-iskeda addottata mill-Ewwel Qorti, din qiegħda hemm sabiex ikun

[6] Ara rapport tal-pulizija fejn id-data tat-twelid tagħha hija indikata bħala il-**25 ta' Marzu 1967**
[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (LFS) fil-**11 ta' Diċembru 2013**

hemm speċi ta' linja gwida bl-intiża li kemm jista' jkun ikun hemm uniformità fil-mod ta' kif il-qrati jikkalkulaw l-*multiplier.* Madanakollu il-qrati mhumiex marbuta ma' tali skeda b'mod li m'għandhomx diskrezzjoni jiddipartixxu minnha jekk jidhrilhom li hekk hemm bżonn. Fil-fatt, inċidentalment, f' sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2018[8] fil-kawża fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Josef Vella**, l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (<u>kif preseduta f' din il-kawża odjerna</u>) applikat *multiplier* ta' 28 fir-rigward ta' persuna li fiż-żmien ta' inċident kellha 37 sena, eżatt daqs kemm kellha l-attriċi fil-każ tal-lum.[9]

66. Il-valur tal-*multiplier* applikat mill-qrati ġeneralment ikun inqas min-numru ta' snin lavorattivi li jkun fadal lill-vittma sal-età tal-irtirar tagħha; dan *considerando* l-fatt li l-vittma, setgħet, fil-kors tal-ħajja normali tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-penzjoni. Iżda il-Qorti għandha tqis kull każ għalih. Hekk per eżempju, jekk il-vittma tmut fil-mori tal-kawża, il-*multiplier* għandu jinħadem fuq is-snin mill-inċident sal-mewt (u aktarx allura se jkun inqas minn dak suġġerit fl-iskeda). Min-naħa l-oħra, jekk per eżempju l-proċeduri ġudizzjarji kienu partikolarment twal b'mod li mid-data tal-inċident sad-data tas-sentenza għaddew numru konsiderevoli ta' snin jista' jkun il-każ li l-*multiplier* suġġerit fl-iskeda jirriżulta pjuttost baxx, *stante* li huwa diġà magħruf li l-vittma baqgħet

[8] Ċjoè tliet ġimgħat biss wara li ingħatat is-sentenza fil-kawża odjerna
[9] Għalkemm is-sentenza tal-Prim'Awla ġiet appellata, u permezz ta' sentenza li qiegħda tiġi deċiża <u>**llum stess**</u> minn din il-Qorti qiegħda tiġi varjata, il-valur tal-*multiplier* ma kienx mertu tal-appell.

qawwija u sħiħa għal tali ammont ta' snin. Fil-fatt fil-każ in kwistjoni mid-data tal-inċident fl-2004 (meta l-attriċi kellha 37 sena) sad-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti għaddew xejn inqas minn 14-il sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti messha allura addottat *multiplier* ikbar minn 18; fil-fehma ta' din il-Qorti *multiplier* ta' **25** (ċjoè 3 snin inqas mis-snin lavorattivi ta' 28 li kien fadlilha sakemm tagħlaq 65) huwa iktar ġust u raġonevoli, u għalhekk din il-Qorti sejra tapplika dan il-valur.

67. L-Ewwel Qorti kkalkolat li mis-sena tal-inċident tul is-snin sal-2018 il-**paga minima** tammonta għal <u>€118,868.36</u>, imbagħad ikkalkulat ir-rimanenti 4 snin (għal *multiplier* ta' 18) fl-ammont ta' <u>€36,298.08</u> b'dan il-mod:

> *"53. Jekk jitnaqqsu mis-snin tal-multiplier dawk is-snin su ndikati li fihom r-rata tal-paga minima nazzjonali gia hija kalkolabbli, jibqa' biss erbgha snin. Il-Qorti tqis xieraq li z-zidiet li jinghataw il-quddiem fil-paga minima matul dawn l-erbgha snin ghandhom jigu kalkolati fuq medja ta' €2 fil-gimgha, jigifieri €104 fis-sena. Isegwi li l-paga minima dovuta fi zmien erbgha snin ghandha tkun fl-ammont ta' €36,298.08 (€125,587 [€8970.52x4] + €416 [€104 x 4]).*

68. Għalkemm l-atturi ma jaqblux fuq l-ammont tal-introjtu u fuq il-valur tal-*multiplier* li ġew addottati mill-Ewwel Qorti fil-kalkolazzjonijiet tagħha fil-paragrafu suċitat, <u>huma mhux qegħdin jikkontestaw il-mod tal-kalkolazzjoni tal-Ewwel Qorti *per se*</u> u għalhekk din il-Qorti sejra timxi fuqu. Issa kif ingħad, filwaqt li dwar l-ammont tal-introjtu m'għandhomx raġun, dwar il-valur tal-*multiplier* għandhom raġun u għalhekk din il-Qorti sejra tapplika *multiplier* ta' 25 flok ta' 18. Ifisser li mill-2018 jifdal 11-il

sena u mhux 4 snin, u għalhekk bl-istess mod ta' kalkolazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti l-introjtu fuq tali 11-il sena jiġi li jammonta għal €99,819.72[10]. Dan l-ammont magħdud ma' €155,166.44 iwassal għal €254,986.16.

69. Meta wieħed japplika r-rata ta' diżabilità ta' 7% fuq tali ammont ta' €254,986.16, jiġi li d-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* dovuti lill-attriċi huma ta' **€17,849.03.**

**DECIDE:**

70. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-atturi, tħassar is-sentenza appellata (ħlief in kwantu l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni sofferti mill-atturi in linea ta' *damnum emergens* fl-ammont ta' **€1,397.62** favur l-attur u **€249.55** favur l-attriċi u dan peress li ma hemm l-ebda aggravju fir-rigward) u minflok qiegħda tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-atturi u għalhekk:

**(1) Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li għall-inċident in kwistjoni jaħti il-konvenut waħdu;**

[10] **€98,675.72** [€8970.52 x 11] **+ €1144** [€104 x 11]

**(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Ray Vella fl-ammont ta' <u>€1,397.62</u> u dawk sofferti mill-attriċi Isabelle Vella fl-ammont ta' <u>€18,098.58</u>[11];**

**(3) Tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni kif likwidati;**

**bl-imgħax mid-data tas-sentenza.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut.**

**L-ispejjeż tas-soċjetà intervenjenti għandhom jitħallsu minnha stess.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[11] €17,849.03 + €249.55